

II

(Atti mhux leġislattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2012/48/UE

tal-10 ta' Diċembru 2012

li temenda l-Annessi għad-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tal-Artikolu 20(1) l-ewwel subparagrafu tagħha,

Billi:

- (1) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2006/87/KE f'Diċembru tal-2006, intlaħaq qbil fuq l-emendi għar-Regolament dwar l-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Renu skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni tar-Renu. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-Direttiva 2006/87/KE tiġi emendata skont dan.
- (2) Għandu jiġi żgurat li ċ-ċertifikat tal-Komunità tan-navi-gazzjoni interna u ċ-ċertifikat tal-bastimenti maħruġin skont ir-Regolament dwar l-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Renu jinħarġu abbażi tar-rekwiżiti tekniċi li jiggarran-tixxu livell ekwivalenti ta' sikurezza.
- (3) Sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, kif ukoll il-livelli differenti ta' sikurezza, l-emendi għad-Direttiva 2006/87/KE għandhom jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.
- (4) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/64/UE ⁽²⁾, 2012/65/UE ⁽³⁾ u 2012/66/UE ⁽⁴⁾ dwar l-approvazzjoni ta' tliet soċjetajiet

ta' klassifikazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/87/KE, għandhom isiru l-emendi neċessarji fl-Anness VII għad-Direttiva 2006/87/KE.

- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passaġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma ⁽⁵⁾,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/87/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat skont l-Anness I għal din id-Direttiva.
- (2) L-Anness VII għad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat skont l-Anness II għal din id-Direttiva.
- (3) L-Anness IX għad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat skont l-Anness III għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif jissemma fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2013. Huma għandhom jinformat lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

⁽¹⁾ ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 33, 4.2.2012, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 33, 4.2.2012, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU L 33, 4.2.2012, p. 8.

⁽⁵⁾ ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.

Meta l-Istati Membri jadottaw daww id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir referenza bħal din għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri li għandhom passaġġi fuq l-ilma interni kif jissewma fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/87/KE.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Anness II għad-Direttiva 2006/87/KE huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1.01 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti 97, 97a u 97b jinbidlu b'dawn li ġejjin:

“(97) ‘Soċjetà ta’ klassifikazzjoni’: soċjetà ta’ klassifikazzjoni li tkun ġiet approvata skont il-kriterji u l-proċeduri tal-Anness VII

(97a) ‘Dwal tan-navigazzjoni’: dawl minn lampi tas-sinjali biex jindikaw il-bastimenti

(97b) ‘Dwal tas-sinjali’: dawl użat biex jissupplimenta s-sinjali viżivi jew is-sinjali tal-ħoss.”

(b) il-punti li ġejjin huma miżjuda:

“(106) ‘espert’: persuna rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti jew minn istituzzjoni awtorizzata, li jkollha għarfien speċjalista fil-qasam rilevanti abbażi tat-taħriġ u l-esperjenza professjonali tagħha jew tiegħu, tkun kompletament familjari mar-regoli u r-regolamenti rilevanti u mar-regoli tekniċi aċċettati b'mod ġenerali (eż. l-istandards tal-EN, il-leġiżlazzjoni rilevanti, ir-regoli tekniċi ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea), u tkun kapaċi teżamina u taġti valutazzjoni esperta tas-sistemi u t-tagħmir rilevanti;

(107) ‘persuna kompetenti’: persuna li tkun kisbet biżżejjed għarfien fil-qasam rilevanti abbażi tat-taħriġ u l-esperjenza professjonali tagħha jew tiegħu u li tkun familjari biżżejjed mar-regoli u r-regolamenti rilevanti u mar-regoli tekniċi aċċettati b'mod ġenerali (eż. l-istandards tal-EN, il-leġiżlazzjoni rilevanti, ir-regoli tekniċi ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea) sabiex tkun kapaċi tivvaluta s-sikurezza operattiva tas-sistemi u t-tagħmir rilevanti.”

(2) Fl-Artikolu 2.01 il-paragrafu 2, il-punt (c) jinbidel b'li ġej:

“(c) espert nawtiku li jkollu liċenzja ta' boatmaster (kaptan) tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li tawtorizza lid-detentur biex ibaħħar il-bastiment li jrid jiġi spezzjonat.”

(3) Fl-Artikolu 3.02 il-paragrafu 1, l-ewwel paragrafu tal-punt (b) jinbidel b'li ġej:

“(b) Meta ssir spezzjoni kif jissemma fl-Artikolu 2.09, il-ħxuna minima tal-panċi tal-qiegħ, tas-sentina u tal-ġnub tal-bastimenti magħmula mill-azzar għandha tkun mhux inqas mill-ogħla valuri li jirriżultaw mill-formuli li ġejjin.”

(4) L-intestatura tal-Artikolu 6.09 tinbidel b'li ġej:

“Artikolu 6.09

Test tal-aċċettazzjoni

(5) Fl-Artikolu 7.05 il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

“1. Id-dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi u l-aċċessorji tagħhom għandu jkollhom il-marka tal-approvazzjoni preskritta mid-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu. (*)

(*) ĠU L 46, 17.2.1997, p. 25.”

(6) Fl-Artikolu 7.06 il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

“1. It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-Parti I u l-Parti II tal-Anness IX. Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi determinata minn approvazzjoni tat-tip maħruġa mill-awtorità kompetenti. It-tagħmir intern tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Wiri Elettroniku tal-Mapep (minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala 'ECDIS - Electronic Chart Display Information System') li jista' jiġi operat bil-modalità tan-navigazzjoni għandu jitqies bħala tagħmir ta' navigazzjoni bir-radar.

Għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li jikkonċernaw l-installazzjoni u l-ittestjar operattiv tas-sistemi ta' navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran użati fil-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, stipulati fil-Parti III tal-Anness IX.

Ir-reġistru tat-tagħmir ta' navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran approvati kif stabbilit fl-Anness IX, jew abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip rikonnoxxuti bħala ekwivalenti, għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea."

(7) Fl-Artikolu 8.01, il-paragrafu 2 jinbidel b'li ġej:

"2. Il-bastimenti tal-pressjoni ddedikati għall-operat tal-bastiment għandhom jiġu kkontrollati minn espert sabiex jivverifika li huma sikuri għall-operat:

- (a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba,
- (b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija, u
- (c) regolarment, mill-inqas kull ħames snin.

L-ispezzjoni għandha tinvolti spezzjoni interna u oħra esterna. It-tankijiet tal-arja kkompressata, li l-intern tagħhom ma jistax jiġi spezzjonat kif suppost, jew li l-kundizzjoni tagħhom ma tistax tiġi stabbilita b'mod ċar waqt l-ispezzjoni interna, jeħtieġ li jgħaddu minn ittestjar mhux distruttiv addizzjonali jew test tal-pressjoni idrawlika.

Għandu jinħareġ ċertifikat ta' spezzjoni, iffirmit mill-espert u li juri d-data tal-ispezzjoni.

Installazzjonijiet oħrajn li jeħtieġu spezzjoni regolari, partikolarment il-bojlers tal-fwar, bastimenti oħra tal-pressjoni u l-aċċessorji tagħhom, u l-liftijiet, għandhom jissodisfaw ir-regolamenti li japplikaw f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni."

(8) Fl-Artikolu 10.02, il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. Skont ir-regolamenti applikabbli tal-awtorità tan-navigazzjoni li hemm fis-seħħ fl-Istati Membri, għandu jkun abbord tal-inqas it-tagħmir li ġej:

- (a) tagħmir ta' telefownija bir-radju;
- (b) tagħmir u apparat li jagħtu sinjali viżivi u akustiċi, kif ukoll għall-immarkar tal-bastimenti;
- (c) dwal ta' riżerva li jaħdmu b'mod indipendenti għad-dwal preskritti tal-irmiġġ.

Għandhom ikunu preżenti wkoll il-kontenituri li ġejjin:

- (a) Kontenitur immarkat għall-iskart domestiku;
- (b) Kontenituri separati u mmarkati, b'għotjien li jissiġillaw, magħmula mill-azzar jew minn xi materjal ieħor b'saħħtu u li ma jieħux in-nar, ta' daqs adegwat iżda li jesa' mill-inqas 10 l, għall-ġbir ta':

- (aa) ċarret għat-tindif ta' żjut;
- (bb) skart solidu perikoluż jew li jniġġes;
- (cc) skart likwidu perikoluż jew li jniġġes;
- u, fejn jistgħu jkunu preżenti, għall-ġbir ta':
- (dd) likwidi mormija (slops);
- (ee) skart żejtni jew xaħmi ieħor."

(9) L-Artikolu 10.03 huwa emendat kif ġej:

- (a) L-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 tinbidel b'li ġej:

"1. Għandu jkun hemm mill-inqas tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli wieħed skont l-istandards Ewropej EN 3-7: 2007 u EN 3-8: 2007 f'kull wieħed mill-postijiet li ġejjin:"

(b) Il-paragrafu 2 jinbidel b'li ġej:

“2. Għat-tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli meħtieġ mill-paragrafu 1, jista' jintuża biss tagħmir tat-tifi tan-nar li jopera bit-trab b'kontenut ta' mill-inqas 6 kg jew tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli ieħor bl-istess kapaċità ta' tifi. Dawn għandhom ikunu adatti għal nirien tal-Klassi A, B u C.

B'deroga għal bastimenti mingħajr installazzjonijiet ta' gass likwifikat, huwa permessibbli tagħmir tat-tifi tan-nar li jispregja l-fowm billi juża fowm li jiffirma rita (AFFF-AR) u li ma jiffriżax sa 20 °C taħt (-) iż-żero, anki jekk ma jkunx adegwat għal nirien tal-Klassi C. Dan it-tagħmir tat-tifi tan-nar għandu jkollu kapaċità minima ta' 9 litri.

It-tagħmir tat-tifi tan-nar kollu għandu jkun adattat biex jifti nirien f'sistemi tal-elettriku sa 1 000 V.”

(c) Il-paragrafu 5 jinbidel b'li ġej:

“5. It-tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli għandu jiġi kkontrollat mill-inqas kull sentejn minn persuna kompetenti. Għandha tiwagħhal tikketta tal-ispezzjoni mat-tagħmir tat-tifi tan-nar, li tkun iffirmata mill-persuna kompetenti u li turi d-data tal-ispezzjoni.”

(10) Fl-Artikolu 10.03a, il-paragrafi 6, 7 u 8 jinbidlu b'dawn li ġejjin:

“6. Is-sistemi għandhom jiġu kkontrollati minn espert:

- (a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba;
- (b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara li jkun għew attivati;
- (c) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira;
- (d) regolarment, mill-inqas kull sentejn.

L-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt (d) jistgħu jitwettqu wkoll minn persuna kompetenti minn aġenzija kompetenti li tispeċjalizza f'sistemi tat-tifi tan-nar.

7. Meta jwettqu l-kontroll skont il-paragrafu 6, l-espert jew il-persuna kompetenti għandhom jivverifikaw jekk is-sistemi jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu.

Il-kontroll għandu jinkludi mill-inqas:

- (a) spezzjoni esterna tas-sistema sħiħa;
- (b) l-ittestjar funzjonali tas-sistemi tas-sikurezza u taż-żennuni;
- (c) l-ittestjar funzjonali tat-tankijiet tal-pressjoni u tas-sistema tal-pompi.

8. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' spezzjoni, li jkun iffirmit mill-espert jew mill-persuna kompetenti u li juri d-data tal-ispezzjoni.”

(11) Fl-Artikolu 10.03b, il-paragrafu 9, il-punti (b), (c) u (e) jinbidlu b'dawn li ġejjin:

“(b) Is-sistema għandha tiġi kkontrollata minn espert

- (aa) qabel tiddaħħal fis-servizz għall-ewwel darba;
- (bb) qabel tiddaħħal lura fis-servizz wara li tkun għet attivata;
- (cc) qabel tiddaħħal lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira;
- (dd) regolarment, mill-inqas kull sentejn.

L-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt (dd) jistgħu jitwettqu wkoll minn persuna kompetenti minn aġenzija kompetenti li tispeċjalizza f'sistemi tat-tifi tan-nar.

- (c) Fl-ispezzjoni, l-espert jew il-persuna kompetenti għandhom jikkontrollaw jekk is-sistema tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu."

"(e) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-ispezzjoni, li jkun iffirmat mill-espert jew minn persuna kompetenti u li jkun juri d-data tal-ispezzjoni."

(12) L-Artikolu 11.02 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

"4. It-trufijiet ta' barra tal-gverti u l-gverti tal-ġenb għandu jkollhom murati li jkunu għoljin tal-inqas 0,90 m jew poġġaman kontinwu skont l-istandard Ewropew EN 711: 1995. Postijiet tax-xogħol fejn il-persuni jistgħu jaqgħu aktar minn metru (1 m), għandu jkollhom murati jew muxxillara li jkunu għoljin mill-inqas 0,90 m jew poġġaman kontinwu skont l-istandard Ewropew EN 711: 1995. Fejn il-poġġamani tas-sigurtà tal-gverti tal-ġenb ikunu jitreggħu lura,

- (a) għandu jitwaħħal poġġaman tal-idejn kontinwu b'dijametru ta' 0,02 sa 0,04 m addizzjonalment mal-muxxillara f'għoli ta' 0,7 sa 1,1 m; u

- (b) għandhom jitwaħħlu sinjali skont l-Appendiċi I, il-Figura 10, b'dijametru ta' mill-inqas 15-il ċm, f'pożizzjonijiet li jkunu viżibbli b'mod ċar fil-punt fejn tibda l-gverta tal-ġenb.

Fejn ma jkunx hemm muxxillara, minflok għandu jitwaħħal poġġaman fiss."

- (b) Għandhom jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4a. B'deroga mill-paragrafu 4, fil-każ ta' puntuni u braken mingħajr akkomodazzjoni, ma għandhomx ikunu meħtieġa murati jew poġġamani fejn:

- (a) il-poġġamani tas-saqajn ikunu twaħħlu mat-trufijiet ta' barra tal-gverti u mal-gverti tal-ġenb;

- (b) il-poġġamani tal-idejn skont il-paragrafu 4(a) ikunu twaħħlu mal-muxxillara; u

- (c) is-sinjali skont l-Appendiċi I, il-Figura 10, b'dijametru ta' mill-inqas 15-il ċm, ikunu twaħħlu f'pożizzjonijiet viżibbli b'mod ċar fuq il-gverta.

4b. B'deroga mill-paragrafu 4, fil-każ ta' bastimenti bil-gverta ċatta (flush-deck) jew bil-buq imdaħħal il-ġewwa (trunk-deck), ma għandux ikun meħtieġ li l-poġġamani jitwaħħlu direttament fuq it-trufijiet ta' barra ta' dawġ il-gverti, jew fuq il-gverti tal-ġenb, fejn:

- (a) il-passaġġ jgħaddi minn fuq dawġ il-gverti ċatti, imdawwra b'poġġamani fissi skont l-istandard EN 711: 1995; u

- (b) is-sinjali skont l-Appendiċi I, il-Figura 10, b'dijametru ta' mill-inqas 15-il ċm, ikunu twaħħlu f'pożizzjonijiet viżibbli b'mod ċar fit-tranżizzjonijiet għal żoni mhux protetti bil-poġġamani."

- (c) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 6 li ġej:

"(6) Il-paragrafi 4, 4a u 4b huma rekwiżiti temporanji skont l-Artikolu 1.06 u ser ikunu validi sal-1 ta' Diċembru 2016."

(13) L-Artikolu 11.04 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafu 2 jinbidel b'li ġej:

"2. Sa għoli ta' 0,90 m 'il fuq mill-gverta tal-ġenb, il-wisa' ċara tal-gverta tal-ġenb tista' titnaqqas sa 0,50 m sakemm il-wisa' ċara 'l fuq, bejn it-tarf ta' barra tal-buq u t-tarf ta' ġewwa tal-istiva, ma tkunx inqas minn 0,65 m."

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

“(4) Il-paragrafu 2 huwa rekwiżit temporanju skont l-Artikolu 1.06 u ser ikun validu sal-1 ta’ Diċembru 2016.”

(14) L-Artikolu 11.12 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 6 u 7 jinbidlu b’dawn li ġejjin:

“6. Il-krejnijiet għandhom jiġu spezzjonati minn espert:

(a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba,

(b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira,

(c) regolarment, mill-inqas kull għaxar snin.

F’din l-ispezzjoni għandha tiġi pprovduta prova tas-saħħa u l-istabbiltà adegwati permezz ta’ kalkoli u test tat-tagħbija abbord.

Fejn it-tagħbija sikura tal-operat tal-krejn ma taqbiżx l-2 000 kg, l-espert jista’ jiddeċiedi li l-prova permezz tal-kalkoli tista’ tiġi sostitwita kompletament jew parzjalment b’test b’tagħbija 1.25 darba aktar mit-tagħbija tal-operat sikur li ssir fuq il-firxa sħiħa tal-operat.

Għandu jinħareġ ċertifikat ta’ spezzjoni, li jkun iffirmat mill-espert u li juri d-data tal-ispezzjoni.

7. Il-krejnijiet għandhom jiġu kkontrollati regolarment u f’kull każ mill-inqas kull 12-il xahar, minn persuna kompetenti. Matul dik l-ispezzjoni, il-kundizzjoni tal-operat sikur tal-krejn għandha tiġi stabbilita permezz ta’ kontroll viżiv u ta’ kontroll tal-operat.

Għandu jinħareġ ċertifikat ta’ spezzjoni, li jkun iffirmat mill-persuna kompetenti u li juri d-data tal-ispezzjoni.”

(b) Il-paragrafu 8 jitħassar.

(c) Il-paragrafu 10 jinbidel b’li ġej:

“10. L-istruzzjonijiet tal-operat tal-manifattur tal-krejn għandhom jinżammu abbord. Dawn għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-firxa tal-operat u l-funzjoni tal-kontrolli;

(b) it-tagħbija massima permessibbli tal-operat sikur bħala funzjoni tal-ilħuq;

(c) l-inklinazzjoni massima permessibbli tal-krejn;

(d) l-istruzzjonijiet tal-muntatura u tal-manutenzjoni;

(e) dejta teknika ġenerali.”

(15) L-Artikolu 14.13 jinbidel b’li ġej:

“Artikolu 14.13

Test tal-aċċettazzjoni

L-installazzjonijiet tal-gass likwifikat għandhom jiġu kkontrollati minn espert, sabiex ikun ivverifikat jekk l-installazzjoni hijiex konformi mar-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu:

(a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba,

(b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira,

(c) ma' kull tiġdid tal-attestazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.15.

Għandu jinħareġ ċertifikat tal-ispezzjoni, li jkun iffirmit mill-espert u li jkun juri d-data tal-ispezzjoni. Għandha tiġi ppreżentata kopja taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni lill-korp tal-ispezzjoni."

(16) L-intestatura tal-Artikolu 14.14 tinbidel b'li ġej:

"Artikolu 14.14

Kundizzjonijiet tal-ittestjar"

(17) Fl-Artikolu 14.15, il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jinbidel b'li ġej:

"Eċċezzjonalment, fejn is-sid ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu jissottometti talba raġunata, il-korp tal-ispezzjoni jista' jestendi l-validità tal-attestazzjoni għal mhux aktar minn tliet xhur mingħajr ma jwettaq it-test tal-aċċettazzjoni msemmi fl-Artikolu 14.13. Din l-estensjoni għandha tiddaħħal fiċ-ċertifikat tal-Komunità."

(18) Fl-Artikolu 15.02, il-paragrafu 8 jinbidel b'li ġej:

"8. Il-paratiji li jisseparaw il-kmamar tal-magni miż-żoni tal-passiġġieri jew tal-ekwipaġġ jew l-akkomodazzjoni tal-persunal fuq il-bastiment ma għandux ikollhom bibien."

(19) L-Artikolu 15.03 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 5 jinbidel b'li ġej:

"5. Il-mument tat-tmejjil ikkawżat mill-pressjoni tar-riħ (M_W) għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$M_W = p_W \cdot A_W \cdot (l_W + T/2) [\text{kNm}]$$

fejn:

p_W = il-pressjoni speċifika tar-riħ ta' 0,25 kN/m²;

A_W = il-pjan laterali tal-bastiment 'il fuq mill-pjan tal-fundar skont il-kundizzjoni meqjusa ta' tagħbija f[m²];

l_W = id-distanza miċ-ċentru tal-gravità tal-pjan laterali A_W mill-pjan tal-fundar skont il-kundizzjoni meqjusa ta' tagħbija f[m].

Meta jiġi kkalkolat il-pjan laterali, għandu jittieħed kont tal-għeluq intenzjonat tal-gverta permezz ta' tined u installazzjonijiet mobbli simili."

(b) Il-paragrafu 9(a) jinbidel b'li ġej:

"(a) Għall-istatus ta' kompartment wieħed, jista' jkun preżunt li l-paratiji huma intatti jekk id-distanza bejn żewġ paratiji ħdejn xulxin tkun akbar mit-tul tal-ħsara. Paratiji lonġitudinali f'distanza ta' inqas minn B/3 mill-buq, imkejla perpendikolari lejn il-linja taċ-ċentru mill-pjanċi tal-qoxra ffundar massimu ma għandhomx jitqiesu għall-iskopijiet tal-kalkolu. Daħla tal-paratija f'paratija trażversali li ma tkunx itwal minn 2,50 m, hija meqjusa bħala paratija lonġitudinali."

(20) L-Artikolu 15.06 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. Il-kmamar tal-passiġġieri għandhom:

(a) fuq il-gverti kollha, ikunu jinsabu lejn il-livell tal-paratija ta' kollizzjoni u, jekk ikunu taħt il-gverta tal-paratija, quddiem il-livell tal-paratija lejn il-poppa,

- (b) ikunu separati mill-magna u mill-kmamar tal-bojlers b'mod li jkunu ssiġillati,
- (c) ikunu rranġati b'tali mod li l-linji tal-vista skont l-Artikolu 7.02 ma jgħaddux minnhom.

Iż-żoni tal-gverta li huma magħluqa b'tined jew installazzjonijiet mobbli simili mhux biss fuq iżda wkoll kompletament jew parzjalment lejn il-ġenb għandhom jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-kmamar tal-passiġġieri magħluqa.”

- (b) Il-paragrafu 15 jinbidel b'li ġej:

“15. Is-sovrastrutturi jew is-soqfa tagħhom li jikkonsistu kompletament minn twieqi panoramiċi u għeluq maħluqa minn tined jew installazzjonijiet mobbli simili u s-sottostrutturi tagħhom għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li, u għandhom ikunu magħmula biss minn materjali li, f'każ ta' inċident, inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' korrimment tal-persuni abbord.”

- (21) L-Artikolu 15.11 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-paragrafu 2(a) jinbidel b'li ġej:

“2. Il-ħitan diviżorji

- (a) bejn il-kmamar għandhom ikunu ddisinjati skont it-tabelli li ġejjin:

- (aa) Tabella għall-ħitan diviżorji bejn il-kmamar, fejn ma hija installata l-ebda sistema ta' bexxiexa bi pressjoni skont l-Artikolu 10.03a

Kmamar	Ċentri tal-kontroll	Trombi tat-taraġ	Żoni tal-ġemgħa	Swali	Kmamar tal-magni	Kċejjen	Imħażen
Ċentri tal-kontroll	—	A0	A0/B15 ⁽¹⁾	A30	A60	A60	A30/A60 ⁽⁵⁾
Trombi tat-taraġ		—	A0	A30	A60	A60	A30
Żoni tal-ġemgħa			—	A30/B15 ⁽²⁾	A60	A60	A30/A60 ⁽⁵⁾
Swali				-/A0/B15 ⁽³⁾	A60	A60	A30
Kmamar tal-magni					A60/A0 ⁽⁴⁾	A60	A60
Kċejjen						A0	A30/B15 ⁽⁶⁾
Imħażen							—

⁽¹⁾ Il-ħitan diviżorji bejn iċ-ċentri ta' kontroll u ż-żoni tal-ġemgħa interni għandhom jikkorrispondu għat-Tip A0, iżda ż-żoni tal-ġemgħa esterni għandhom jikkorrispondu biss għat-Tip B15.

⁽²⁾ Il-ħitan diviżorji bejn is-swali u ż-żoni tal-ġemgħa interni għandhom jikkorrispondu għat-Tip A30, iżda ż-żoni tal-ġemgħa esterni għandhom jikkorrispondu biss għat-Tip B15.

⁽³⁾ Il-ħitan diviżorji bejn il-kabini, il-ħitan diviżorji bejn il-kabini u l-kurituri u l-ħitan diviżorji vertikali li jisseparaw is-swali skont il-paragrafu 10 għandhom jikkonformaw mat-Tip B15, għall-kmamar mġhammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni B0. Il-ħitan diviżorji bejn il-kabini u s-sawni għandhom jikkonformaw mat-Tip A0, għall-kmamar mġhammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni B15.

⁽⁴⁾ Il-ħitan diviżorji bejn il-kmamar tal-magni skont l-Artikoli 15.07 u 15.10 ⁽⁶⁾ għandhom jikkonformaw mat-Tip A60; f'każijiet oħrajn dawn għandhom jikkonformaw mat-Tip A0.

⁽⁵⁾ Il-ħitan diviżorji bejn l-imħażen għall-ħażna ta' likwidi li jieħdu n-nar u iċ-ċentri ta' kontroll u ż-żoni tal-ġemgħa għandhom jikkonformaw mat-Tip A60, għall-kmamar mġhammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni A30.

⁽⁶⁾ B15 huwa biżżejjed għall-ħitan diviżorji bejn il-kċejjen, minn naħa waħda, u l-imħażen tal-ħażna kiesħa u l-imħażen tal-ikel, min-naħa l-oħra.

- (bb) Tabella għall-ħitan diviżorji bejn il-kmamar, fejn huma installati sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni skont l-Artikolu 10.03a

Kmamar	Ċentri tal-kontroll	Trombi tat-taraġ	Żoni tal-ġemgħa	Swali	Kmamar tal-magni	Kċejjen	Imħażen
Ċentri tal-kontroll	—	A0	A0/B15 ⁽¹⁾	A0	A60	A30	A0/A30 ⁽⁵⁾
Trombi tat-taraġ		—	A0	A0	A60	A30	A0
Żoni tal-ġemgħa			—	A30/B15 ⁽²⁾	A60	A30	A0/A30 ⁽⁵⁾

Kmamar	Ċentri tal-kontroll	Trombi tat-taraġ	Żoni tal-ġemgħa	Swali	Kmamar tal-magni	Kċejjen	Imħażen
Swali				-/B15/B 0 ⁽³⁾	A60	A30	A0
Kmamar tal-magni					A60/A0 ⁽⁴⁾	A60	A60
Kċejjen						—	A0/B15 ⁽⁶⁾
Imħażen							—

⁽¹⁾ Il-ħitan diviżorji bejn iċ-ċentri ta' kontroll u ż-żoni tal-ġemgħa interni għandhom jikkorrispondu għat-Tip A0, iżda ż-żoni tal-ġemgħa esterni għandhom jikkorrispondu biss għat-Tip B15.

⁽²⁾ Il-ħitan diviżorji bejn is-swali u ż-żoni tal-ġemgħa interni għandhom jikkorrispondu għat-Tip A30, iżda ż-żoni tal-ġemgħa esterni għandhom jikkorrispondu biss għat-Tip B15.

⁽³⁾ Il-ħitan diviżorji bejn il-kabini, il-ħitan diviżorji bejn il-kabini u l-kurituri u l-ħitan diviżorji vertikali li jisseparaw is-swali skont il-paragrafu 10 għandhom jikkonformaw mat-Tip B15, għall-kmamar mgħammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni B0. Il-ħitan diviżorji bejn il-kabini u s-sawni għandhom jikkonformaw mat-Tip A0, għall-kmamar mgħammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni B15.

⁽⁴⁾ Il-ħitan diviżorji bejn il-kmamar tal-magni skont l-Artikoli 15.07 u 15.10 (6) għandhom jikkonformaw mat-Tip A60; f'każijiet oħrajn dawn għandhom jikkonformaw mat-Tip A0.

⁽⁵⁾ Il-ħitan diviżorji bejn l-imħażen għall-ħażna ta' likwidi li jieħdu n-nar u iċ-ċentri ta' kontroll u ż-żoni tal-ġemgħa għandhom jikkonformaw mat-Tip A60, għall-kmamar mgħammra b'sistemi ta' bexxiexa bil-pressjoni A30.

⁽⁶⁾ B15 huwa biżżejjed għall-ħitan diviżorji bejn il-kċejjen, minn naħa waħda, u l-imħażen tal-ħażna kiesħa u l-imħażen tal-ikel, min-naħa l-oħra."

(b) Il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

"4. Is-soqfa tas-swali u l-kisi tal-ħitan, inklużi s-substrutturi tagħhom, għandhom, fejn dawn is-swali ma jkollhomx sistema ta' bexxiexa bi pressjoni skont l-Artikolu 10.03a, ikunu magħmula minn materjal li ma jieħux in-nar għajr għall-uċuh tagħhom, li għandhom ikunu mill-inqas ritardanti għall-fjamma. L-ewwel sentenza ma għandhiex tapplika għas-sawni."

(c) għandu jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. It-tined u installazzjonijiet mobbli simili li ż-żoni tal-gverta jkunu kompletament jew parzjalment magħluqa bihom, flimkien mas-substrutturi tagħhom, għandhom ikunu mill-inqas ritardanti għall-fjamma."

(22) L-Artikolu 22a.04 jinbidel b'li ġej:

"Artikolu 22a.04

Il-kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma u l-istabbiltà

1. Il-paragrafi 2 sa 10 għandhom japplikaw għal inġenji li huma itwal minn 110 m, bl-eċċezzjoni ta' bastimenti tal-passiġġieri.

2. Il-valuri bażiċi għall-kalkolu tal-istabbiltà, il-piż bla tagħbija tal-bastiment u l-post taċ-ċentru tal-gravità għandhom jiġu determinati permezz ta' esperiment tal-inklinazzjoni mwettaq skont l-Anness I għar-Riżoluzzjoni tal-IMO MSC 267 (85).

3. L-applikant għandu jagħti prova, permezz ta' kalkolu bbażat fuq il-metodu tan-nuqqas ta' kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma, li l-kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma u l-istabbiltà tal-bastiment huma adegwati f'każ ta' għargħar. Il-kalkoli kollha għandhom jitwettqu b'kalar (sinkage) u inklinazzjoni lonġitudonali (trim) ħielsa.

Il-kapaċità ta' żamma f'wiċċ l-ilma u l-istabbiltà suffiċjenti tal-bastiment f'każ ta' għargħar għandhom jiġu ppruvati b'merkanzija li tikkorrispondi għall-fundar massimu tiegħu u li tkun distribwita b'mod uniformi fost l-istivi kollha, kif ukoll bi provvisti massimi u mimli bil-fjuwil.

Għall-merkanzija diversifikata, il-kalkolu tal-istabbiltà għandu jitwettaq għall-aktar kundizzjoni ħażina tat-tagħbija. Dan il-kalkolu tal-istabbiltà għandu jitwettaq abbord.

Għal dan il-għan, il-prova matematika tal-istabbiltà suffiċjenti għandha tiġi determinata għall-istadji intermedjarji tal-għargħar (25 %, 50 % u 75 % ta' tiġmiegh tal-għargħar, u, fejn xieraq, għall-istadju immedjatament qabel l-ekwilibriju trasvers) u għall-istadju finali tal-għargħar, fil-kundizzjonijiet tat-tagħbija speċifikati hawn fuq.

4. Għandhom jitqiesu s-suppożizzjonijiet li ġejjin għall-kundizzjoni danneġġata:

(a) Ammont ta' ħsara mal-ġenb:

ammont lonġitudinali: mill-inqas 0,10 L,

ammont trasvers: 0,59 m,

ammont vertikali: mill-qiegħ 'il fuq mingħajr limitu.

(b) Ammont ta' ħsara fil-qiegħ:

ammont lonġitudinali: mill-inqas 0,10 L,

ammont trasvers: 3,00 m,

ammont vertikali: mill-bażi 0,39 m 'il fuq, is-somma mistennija.

(c) Kwalunkwe paratija fiż-żona danneġġata għandha tkun meqjusa li hija bil-ħsara, li jfisser illi s-subdiviżjoni għandha tintgħażel b'tali mod li l-bastiment jibqa' jżomm fil-wiċċ wara li jfuru bl-ilma żewġ kompartimenti jew aktar ħdejn xulxin fid-direzzjoni lonġitudinali. Għall-kamra tal-magni prinċipali, għandu jittieħed kont biss tal-istandard ta' kompartiment wieħed, jiġifieri għandu jkun preżunt li l-paratiji tat-tarf tal-kamra tal-magni mhumiex danneġġati.

Għall-ħsara tal-qiegħ, għandu jkun preżunt li l-kompartamenti trasversali mal-buq huma mgħarrqa wkoll.

(d) Permeabbiltà

Il-permeabbiltà għandha tkun preżunta li hija 95 %.

Jekk kalkolu jagħti prova li l-permeabbiltà medja ta' kompartiment hija inqas minn 95 %, minflok jista' jintuża l-valur ikkalkolat.

Il-valuri użati ma għandhomx ikunu inqas minn:

— għall-kmamar tal-magni u tal-operar: 85 %

— għall-istivi tal-merkanzija: 70 %

— qigħan doppji, tankijiet tal-fjuwil, tankijiet tas-saborra, eċċ. jiddependu minn, jekk skont il-funzjoni tagħhom, għandhomx ikunu kkunsidrati bħala mimlija jew vojta għall-bastiment li jżomm f'wiċċ l-ilma fil-fundar massimu permissibbli: 0 jew 95 %

(e) Il-kalkolu tal-effett tal-wiċċ ħieles fl-istadji intermedjarji tal-għargħar għandu jkun ibbażat fuq il-wiċċ kollu tal-kompartimenti bil-ħsara.

5. Għall-istadji intermedjarji kollha tal-għargħar imsemmija fil-paragrafu 3, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-angolu tat-tmejjil ϕ fil-pożizzjoni tal-ekwilibriju tal-istadju intermedjarju inkwistjoni ma għandux jaqbeż il-15° (5° meta l-kontejners ma jkunux marbutin);


(b) 'lil hinn mit-tmejjil fil-pożizzjoni tal-ekwilibriju tal-istadju intermedjarju inkwistjoni, il-parti pożittiva tal-kurva tal-liver tal-idrittar għandha turi valur tal-liver tal-idrittar ta' $GZ \geq 0,02$ m (0,03 m meta l-kontejners ma jkunux marbutin) qabel ma tinżel taħt wiċċ l-ilma l-ewwel fetħa mhux protetta jew jintlaħaq angolu tat-tmejjil ϕ ta' 27° (15° meta l-kontejners ma jkunux marbutin);

(c) il-fetħiet li mhumiex issiġillati mill-ilma ma għandhomx ikunu mgħarrqa fl-ilma qabel ma jintlaħaq it-tmejjil fil-pożizzjoni tal-ekwilibriju tal-istadju intermedjarju inkwistjoni.

6. Matul l-aħħar stadju tal-għargħar, għandhom jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) l-aktar tarf baxx ta' kwalunkwe fetħa li tagħmel l-ilma (eż. bibien, twieqi, bokkaporti tal-aċċess) ma għandux ikun inqas minn 0,10 m 'il fuq mil-linja tal-ilma danneġġata;

- (b) l-angolu tat-tmejjil ϕ fil-pożizzjoni tal-ekwilibriju ma għandux jaqbeż it-12° (5° meta l-kontejners ma jkunux marbutin);
- (c) 'il hinn mit-tmejjil fil-pożizzjoni tal-ekwilibriju tal-istadju intermedjarju inkwistjoni, il-parti pożittiva tal-kurva tal-liver tal-idrittar għandha turi valur tal-liver tal-idrittar ta' $GZ \geq 0,05$ m u ż-żona taħt il-kurva għandha tilħaq mill-inqas 0,0065 m.rad qabel ma l-ewwel fetħa mhux protetta tinżel taħt wiċċ l-ilma jew jintlaħaq l-angolu tat-tmejjil ϕ ta' 27° (10° meta l-kontejners ma jkunux marbutin);



- (d) jekk il-fetħiet mhux issiġillati mill-ilma jkunu mgħarrqa qabel tintlaħaq il-pożizzjoni tal-ekwilibriju, il-kmamar li joffru aċċess għandhom jitqiesu li huma mgħarrqa għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-istabbiltà danneġġata.

7. Jekk ikun hemm fetħiet tal-għargħar travers (cross-flood) sabiex jitnaqqas l-għargħar asimmetriku, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għall-kalkolu tal-għargħar travers, għandha tiġi applikata r-Riżoluzzjoni IMO A.266 (VIII);
- (b) għandhom ikunu tali li jaġixxu weħidhom;
- (c) ma għandhomx ikunu mgħammra b'taġhmira ta' għeluq;
- (d) il-ħin totali permess għall-ugwalizzazzjoni ma għandux jaqbeż il-15-il minuta.

8. Jekk il-fetħiet li minnhom kompartamenti mhux danneġġati jistgħu wkoll jiġu mgħarrqa jistgħu jingħalqu mod li jissiġillaw mill-ilma, it-tagħmir tal-għeluq għandu jkollu l-istruzzjoni li ġejja li tinqara mingħajr xkiel fuq iż-żewġ naħat:

'Agħlaq immedjatament wara li tgħaddi'.

9. Il-prova tal-kalkolu skont il-paragrafi 3 sa 7 għandha titqies bħala li tkun għet ipprovduta jekk il-kalkoli tal-istabbiltà danneġġata skont il-Parti 9 tar-Regolamenti annessi għall-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (minn hawn 'il quddiem 'ADN') huma prodotti b'riżultat pożittiv.

10. Fejn ikun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-paragrafu 3, il-pjan ta' fundar massimu għandu jkun stabbilit mill-ġdid."

(23) Fl-Artikolu 22a.05 il-paragrafu 2, il-punt (c) jinbidel b'li ġej:

"(c) huma mibnija bħala bastimenti bil-buq doppju skont l-ADN fejn, għall-bastimenti li jgħorru tagħbija xotta għandhom japplikaw it-taqsimiet 9.1.0.91 sa 9.1.0.95 u għall-bastimenti b'tank, għandhom japplikaw il-paragrafu 9.3.2.11.7 u t-taqsimiet minn 9.3.2.13 sa 9.3.2.15 jew il-paragrafu 9.3.3.11.7 u t-taqsimiet minn 9.3.3.13 sa 9.3.3.15 tal-Parti 9 tal-ADN;"

(24) Fl-Artikolu 24.02 il-paragrafu 2, it-tabella tinbidel b'li ġej:

(a) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 7.05 il-paragrafu 1:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti
"7.05(1)	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi tagħhom u sorsi tad-dawl	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi, l-aċċessorji u s-sorsi tad-dawl tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-intensità tal-kulur u tad-dawl tad-dwal tan-navigazzjoni, u għall-ammissjoni tad-dwal tas-sinjali għan-navigazzjoni fuq ir-Renu, xorta waħda jistgħu jintużaw mit-30 ta' Novembru 2009."

(b) għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin għall-Artikolu 7.06(1):

"7.06(1)	Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar li rċieva approvazzjoni qabel l-1.1.1990	It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar li rċieva approvazzjoni qabel l-1.1.1990 jista' jiġi installat u użat sal-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-31.12.2009, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard sal-31.12.2011, jekk ikun hemm ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew skont ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.
	Indikaturi tar-rata tad-dawran, li rċeview approvazzjoni qabel l-1.1.1990	L-indikaturi tar-rata tad-dawran, li rċeview approvazzjoni qabel l-1.1.1990 u ġew installati qabel l-1.1.2000, jistgħu jiġu installati u użati sal-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2015, jekk ikun hemm ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew skont ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.
	Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u indikaturi tar-rata tad-dawran li rċeview approvazzjoni wara l-1.1.1990	It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran li rċeview approvazzjoni fl-1.1.1990 jew wara skont ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-installazzjonijiet bir-radar użati għan-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni fuq ir-Renu u r-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati fin-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni fuq ir-Renu jistgħu jkomplu jiġu installati u operati jekk ikun hemm ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew r-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35."

(c) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 10.02 il-paragrafu 1, it-tieni sentenza, punt b:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti
"10.02(1) it-tieni sentenza, punt b	Kontenituri magħmula mill-azzar jew minn xi materjal ieħor b'saħħtu u li ma jieħux in-nar, u li jesa' mill-inqas 10 l	N.R.C., mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità"

(d) l-entrati għall-Artikoli 11.02, il-paragrafu 4 u 11.04, il-paragrafu 2 jinbidlu b'li ġej:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti
"11.02(4), l-ewwel sentenza	Tagħmir tat-trufijiet ta' barra tal-gverti, il-gverti tal-ġenb u l-postijiet tax-xogħol	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020
	L-għoli tal-muxxillara	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2035

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti
11.04(1)	Il-wisa' ċara tal-gverta tal-ġenb	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2035, għal inġenji li jaqbżu s-7,30 m fil-wisa'
Paragrafu 2	Poġġamani tan-naħa tal-bastiment fuq bastimenti ta' L < 55 m b'akkomodazzjoni fuq il-poppa biss	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020"

(e) l-entrata għall-Artikolu 11.12 tinbidel b'li ġej:

"11.12(2), (4), (5) u (9)	Il-panċa tal-manifattur, it-tagħmir ta' protezzjoni, iċ-ċertifikati abbord	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2015."
---------------------------	--	--

(f) l-entrati għall-Artikolu 15.03, il-paragrafi 7 sa 13 jinbidlu b'li ġej:

"Paragrafi 7 u 8	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045
Paragrafu 9	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045
	Ammont tal-ħsara vertikali sal-qiegħ tal-bastiment	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045 N.R.C. applikabbli għal bastimenti bi gverti ssiġillati mill-ilma fuq distanza minima ta' 0,50 m u inqas minn 0,60 m tal-qiegħ tal-bastimenti li kisbu ċertifikat tal-Komunità jew liċenzja oħra tat-traffiku qabel il-31.12.2005
	Status ta' żewġ kompartimenti	N.R.C.
Paragrafi 10 sa 13	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045"

(g) l-entrata għall-Artikolu 15.06 il-paragrafu 1 (a) tinbidel b'li ġej:

"Artikolu 15.06(1), l-ewwel subparagrafu	Żona tal-passiġġieri taħt il-gverta tal-paratija wara l-paratija tal-kolliżjoni u quddiem il-paratija lejn il-poppa.	NRC, mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045
Artikolu 15.06(1), it-tieni subparagrafu	Kompartimenti	N.R.C, mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità"

(h) l-entrata għall-Artikolu 15.06 il-paragrafu 15 tinbidel b'li ġej:

"Paragrafu 15	Rekwiżiti għall-kompartimenti fis-sovrastuttura li jikkonsistu kompletament jew parzjalment minn twieqi panoramiċi.	NRC, mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045
	Rekwiżiti għall-kompartimenti	N.R.C, mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità"

(i) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għat-test relatat mal-Artikolu 15.11 il-paragrafu 7a:

“Paragrafu 7a	Kompartimenti	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità”
---------------	---------------	--

(25) It-tabella fl-Artikolu 24.06 il-paragrafu 5 hija emendata kif ġej:

(a) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 7.05 il-paragrafu 1:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti	Validu għal inġenji b'ċertifikat tal-bastiment jew liċenzja tat-traffiku qabel
“7.05(1)	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi tagħhom, aċċessorji u sorsi tad-dawl	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi tagħhom, aċċessorji u sorsi tad-dawl li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-intensità tal-kulur u tad-dawl tad-dwal tan-navigazzjoni u għall-ammissjoni tad-dwal tas-sinjali għan-navigazzjoni fuq ir-Renu mit-30 ta' Novembru 2009 għadhom jistgħu jintużaw.	1.12.2013”

(b) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 7.06 il-paragrafu 1:

“7.06(1)	Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar li rċieva approvazzjoni qabel l-1.1.1990	It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar li rċieva approvazzjoni qabel l-1.1.1990 jista' jiġi installat u użat sal-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-31.12.2009, fi kwalunkwe każ mhux aktar tard sal-31.12.2011, jekk ikun hemm ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.	1.12.2013
	Indikaturi tar-rata tad-dawran, li rċew approvazzjoni qabel l-1.1.1990	L-indikaturi tar-rata tad-dawran, li rċew approvazzjoni qabel l-1.1.1990 u ġew installati qabel l-1.1.2000, jistgħu jiġu installati u użati sal-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2015, jekk ikun hemm ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.	1.12.2013
	Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u indikaturi tar-rata tad-dawran li rċew approvazzjoni wara l-1.1.1990	It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran li rċew approvazzjoni wara l-1.1.1990 skont ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-installazzjonijiet bir-radar użati għan-navigazzjoni fuq passaġġi tal-ilma interni fuq ir-Renu u skont ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati fin-navigazzjoni fuq passaġġi fuq l-ilma interni fuq ir-Renu jistgħu jkomplu jiġu installati u mħaddma jekk ikun inħareġ ċertifikat validu tal-installazzjoni skont din id-Direttiva jew ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.	1.12.2013”

(c) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 10.02 il-paragrafu 1 it-tieni sentenza, punt b:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti	Validu għal inġenji b'ċertifikat tal-bastiment jew liċenzja tat-traffiku qabel
"Artikolu 10.02(1) it-tieni sentenza, punt b	Kontenituri magħmula mill-azzar jew minn xi materjal ieħor b'saħħtu u li ma jieħux in-nar u li jesa' mill-inqas 10 L	N.R.C., mhux aktar tard mit-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità	1.12.2013"

(d) għandhom jiddaħħlu l-entrati li ġejjin għall-Artikoli 11.02 il-paragrafu 4 u 11.04, il-paragrafu 2:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Limitu ta' żmien u kummenti	Validu għal inġenji b'ċertifikat tal-bastiment jew liċenzja tat-traffiku qabel
"11.02(4), l-ewwel sentenza	L-għoli tal-paratiji u tal-muxxillara, u l-poġġamani tan-naħa tal-bastiment	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020	1.12.2013
	L-għoli tal-muxxillara	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2035	
11.04(2)	Poġġamani tan-naħa tal-bastiment fuq bastimenti ta' L < 55 m b'akkomodazzjoni fuq il-poppa biss	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020	1.12.2013"

(e) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 11.12:

"11.12 (2),(4),(5) u (9)	Il-pjanċa tal-manifattur, it-tagħmir ta' protezzjoni, iċ-ċertifikati abbord	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2015.	1.12.2013"
--------------------------	---	--	------------

(f) l-entrati għall-Artikolu 15.03(7) sa (13) jinbidlu b'li ġej:

"15.03(7) u (8)	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045	1.12.2013
Paragrafu 9	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045	1.12.2013
	Ammont tal-ħsara vertikali sal-qiegħ tal-bastiment	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045 N.R.C. applikabbli għal bastimenti bi gverti li ma jagħmlux ilma fuq distanza minima ta' 0,50 m u inqas minn 0,60 m tal-qiegħ tal-bastimenti li kisbu ċertifikat tal-Komunità jew liċenzja oħra tat-traffiku qabel il-31.12.2005	1.12.2013

	Status ta' żewġ kompartimenti	N.R.C.	
Paragrafi 10 sa 13	Stabbiltà danneġġata	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045	1.12.2013"

(g) l-entrata għall-Artikolu 15.06 paragrafu 1 tinbidel b'li ġej:

"Artikolu 15.06(1), l-ewwel subparagrafu	Żona tal-passiġġieri taħt il-gverta tal-paratija wara l-paratija tal-kolliżjoni u quddiem il-paratija lejn il-poppa.	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045	1.12.2013
Artikolu 15.06(1), it-tieni subparagrafu	Kompartimenti	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità	1.12.2013"

(h) l-entrata għall-Artikolu 15.06 paragrafu 15 tinbidel b'li ġej:

"Paragrafu 15	Rekwiżiti għall-kompartimenti fis-sovrastruttura li jikkonsistu kompletament jew parzjalment minn twieqi panoramiċi.	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2045	1.12.2013
	Rekwiżiti għall-kompartimenti	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità	1.12.2013"

(i) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 15.11 paragrafu 7a:

"Paragrafu 7a	Kompartimenti	N.R.C., mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità	1.12.2013"
---------------	---------------	---	------------

(26) It-tabella fl-Artikolu 24a.02 il-paragrafu 2 hija emendata kif ġej:

(a) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 7.05 il-paragrafu 1:

"7.05(1)	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi tagħhom, aċċessorji u sorsi tad-dawl	Dwal tan-navigazzjoni, il-koperturi tagħhom, aċċessorji u sorsi tad-dawl li jissodisfaw — ir-rekwiżiti għall-intensità tal-kulur u tad-dawl tad-dwal tan-navigazzjoni u għall-ammissjoni tad-dwal tas-sinjali għan-navigazzjoni fuq ir-Renu mit-30 ta' Novembru 2009 jew — ir-rekwiżiti rispettivi ta' Stat Membru mit-30 ta' Novembru 2009 xorta waħda jistgħu jintużaw."
----------	--	---

(b) għandha tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Artikolu 7.06 il-paragrafu 1:

“7.06(1)	Sistemi ta' navigazzjoni biradar u indikaturi tar-rata tad-dawran	Is-sistemi ta' navigazzjoni biradar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran, li kienu approvati u installati skont ir-regolamenti ta' Stat Membru qabel il-31 ta' Diċembru 2012 jistgħu jkomplu jiġu installati u mħaddma sal-ħruġ jew it-tibdil taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-31 ta' Diċembru 2018. Dawn is-sistemi għandhom jiddaħħlu fiċ-ċertifikat tal-Komunità taħt in-numru 52.
		Is-sistemi tan-navigazzjoni biradar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran, li kienu approvati mill-1 ta' Jannar 1990 skont ir-regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għas-sistemi tan-navigazzjoni biradar għan-navigazzjoni fuq ir-Renu, u skont ir-regolamenti dwar ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-indikaturi tar-rata tad-dawran għan-navigazzjoni fuq ir-Renu jistgħu jkomplu jiġu installati u mħaddma, sakemm ikun disponibbli ċertifikat tal-installazzjoni li huwa validu skont din id-Direttiva jew ir-Riżoluzzjoni CCNR 1989-II-35.”

(c) l-entrati għall-Artikoli 11.02 il-paragrafu 4 u 11.04 il-paragrafu 2 jinbidlu b'li ġej:

Artikolu u paragrafu	Kontenut	Data ta' skadenza u kummenti
“11.02(4), l-ewwel sentenza	Tagħmir tat-trufijiet ta' barra tal-gverti, il-gverti tal-ġenb u l-postijiet tax-xogħol	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020;
	L-ġholi tal-paratiji u tal-muxxillara	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020
11.04(1)	Il-wisa' ċara tal-gverta tal-ġenb	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2035, għal inġenji li jaqbżu s-7,30 m fil-wisa'
Paragrafu 2	Poġġamani tas-sigurtà tan-naħa tal-bastiment fuq bastimenti ta' L < 55 m b'akkomodazzjoni fuq il-poppa biss	NRC, mhux aktar tard mill-ħruġ jew it-tiġdid taċ-ċertifikat tal-Komunità wara l-1.1.2020”

(27) Fl-Appendiċi I għall-Anness II, tiġi miżjudha l-entrata li ġejja:

Figura 10
Ilbes ġakketta tas-salvataġġ



Kulur: ikħal/abjad

(28) L-Appendiċi II tal-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-werrej huwa emendat kif ġej:

(i) għan-Nru 4, it-titolu jinbidel b'li ġej

“Applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet tranżitorji”

(ii) għan-Nru 6, it-titolu jinbidel b’li ġej “Applikazzjoni tar-regolamenti fil-Kapitolu 15”

(iii) għandhom jiżdiedu dawn li ġejjin:

“Nru 26: esperti/persuni kompetenti

Nru 27: Inġenji ta’ divertiment”

(b) l-istruzzjoni Amministrattiva Nru 4 tinbidel b’li ġej:

“ISTRUZZJONI AMMINISTRATTIVA Nru 4

Applikazzjoni ta’ dispożizzjonijiet Tranżitorji

(Il-Kapitolu 15 sa 22b, il-Kapitolu 24 u l-Kapitolu 24a tal-Anness II)

1. APPLIKAZZJONI TA’ DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI FIT-TAGĦQID FLIMKIEN TA’ PARTIJET TA’ INĠENJI

1.1. Prinċipji

Meta jingħaqdu flimkien partijiet ta’ bastimenti differenti, il-protezzjoni ta’ status quo għandha tingħata biss għall-partijiet li jappartjenu għall-bastiment li jżomm iċ-ċertifikat tal-Komunità tiegħu. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tranżitorji jistgħu jiġu invokati biss għal dawk il-partijiet. Partijiet oħrajn għandhom jiġu ttrattati bħala bastiment mibni ġdid.

1.2. Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fid-dettall

1.2.1. Meta jingħaqdu flimkien partijiet ta’ bastimenti differenti, id-dispożizzjonijiet tranżitorji jistgħu jiġu invokati biss għal dawk il-partijiet li jappartjenu għall-bastiment li jżomm iċ-ċertifikat tiegħu tal-Komunità.

1.2.2. Partijiet li ma jappartjenux għall-bastiment li jżomm iċ-ċertifikat tal-bastiment tiegħu għandhom jiġu ttrattati bħala inġenju mibni ġdid.

1.2.3. Wara li bastiment kellu parti minn bastiment ieħor miżjuda miegħu, tal-ewwel għandu jirċievi n-numru Ewropew ta’ identifikazzjoni tal-bastimenti tal-inġenju, li jżomm iċ-ċertifikat tiegħu tal-Komunità bħala l-inġenju konvertit.

1.2.4. Meta jinżamm ċertifikat tal-Komunità eżistenti jew jinħareġ ċertifikat tal-Komunità ġdid għal inġenju wara konverżjoni, għandha tiddaħħal ukoll is-sena tal-kostruzzjoni tal-eqdem parti tal-inġenju fiċ-ċertifikat tal-Komunità.

1.2.5. Jekk titwaħħal pruwja ġdida ma’ bastiment, il-magna għas-sistema tal-propulsar tal-pruwa installata fil-pruwa għandha tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti kurrenti.

1.2.6. Jekk titwaħħal poppa ġdida ma’ bastiment, il-magni installati fil-poppa għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti kurrenti.

1.3. Eżempji għall-illustrazzjoni

1.3.1. Bastiment jiġi armat minn żewġ bastimenti eqdem (l-ewwel (1) bastiment bis-sena tal-kostruzzjoni 1968; it-tieni (2) bastiment bis-sena tal-kostruzzjoni 1972). L-ewwel (1) bastiment jintuża kollu minbarra l-pruwa; mit-tieni (2) bastiment tintuża l-pruwa. Il-bastiment immuntat jirċievi iċ-ċertifikat tal-Komunità tal-ewwel (1) bastiment. Il-pruwa tal-bastiment immuntat għandha issa tkun mgħammra, inter alia, bin-nieċ tal-ankri.

1.3.2. Bastiment jiġi armat minn żewġ bastimenti eqdem (l-ewwel (1) bastiment bis-sena tal-kostruzzjoni 1975; it-tieni (2) bastiment bis-sena tal-kostruzzjoni 1958, bl-eqdem komponent imur lura għall-1952). L-ewwel (1) bastiment jintuża kollu minbarra l-pruwa; mit-tieni (2) bastiment tintuża l-pruwa. Il-bastiment immuntat jirċievi iċ-ċertifikat tal-Komunità tal-ewwel (1) bastiment. Il-pruwa tal-bastiment immuntat għandha issa tkun mgħammra, inter alia, bin-nieċ tal-ankri. Minbarra dan, fiċ-ċertifikat tal-Komunità jiddaħħal l-eqdem komponent mit-tieni (2) bastiment oriġinali, bis-sena tal-kostruzzjoni 1952.

1.3.3. Il-poppa ta’ bastiment tas-sena tal-kostruzzjoni 2001 titwaħħal ma’ bastiment tas-sena tal-kostruzzjoni 1988. Il-magna tal-bastiment tas-sena tal-kostruzzjoni 1988 għandha tibqa’ fil-bastiment. F’dan il-każ, il-magna għandha tkun approvata skont it-tip. Il-magna għandha tkun ukoll approvata skont it-tip jekk tkun il-magna fil-poppa tal-2001.

2. APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJET TRANŻITORJI FIL-KAŻ TA' BIDLA FIT-TIP TA' INĠENJU (L-UŻU MAĦSUB TAL-INĠENJU)

2.1. **Prinċipji**

2.1.1. Fi kwalunkwe deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tranżitorji fil-każ ta' bidla tat-tip ta' inġenju (it-tip ta' bastiment; l-użu maħsub tal-bastiment), fir-rigward tal-Anness II ta' din id-Direttiva, il-kunsiderazzjonijiet tas-sikurezza għandhom ikunu fundamentali.

2.1.2. Għandu jikkostitwixxi bidla fit-tip ta' inġenju jekk ir-rekwiżiti tas-sikurezza li japplikaw għat-tip ta' inġenju ġdid ikunu differenti minn dawk għat-tip l-antik; dan japplika jekk id-dispożizzjonijiet speċjali tal-Kapitolu 15 sa 22b tal-Anness II ikunu applikabbli għat-tip il-ġdid li ma kinux applikabbli għat-tip l-antik.

2.1.3. Fil-każ ta' bidla fit-tip ta' inġenju, id-dispożizzjonijiet speċjali kollha u r-rekwiżiti speċjali kollha li huma speċifiċi għal dan it-tip ta' inġenju għandhom jiġu ssodisfati b'mod sħiħ; id-dispożizzjonijiet tranżitorji ma jistgħux jiġu invokati għal dawn ir-rekwiżiti. Dan japplika wkoll għal partijiet li jittieħdu mill-inġenji eżistenti u jaqgħu taħt dawn ir-rekwiżiti speċjali.

2.1.4. Il-konverżjoni ta' tanker f'bastiment li jgħorr tagħbija xotta ma għandha tikkostitwixxi ebda bidla fit-tip ta' inġenju kif definit fil-punt 2.1.2.

2.1.5. Fil-każ ta' konverżjoni ta' bastiment bil-kabini f'bastiment għall-vjaġġi ta' ġurnata, il-partijiet ġodda kollha għandhom jikkonformaw għal kollox mar-rekwiżiti kurrenti.

2.2. **Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fid-dettall**

2.2.1. L-Artikolu 24.02 (2) (NRC), resp. l-Artikolu 24a.02 (2) japplika għall-partijiet tal-inġenju li huma mġedda; għalhekk, il-partijiet ġodda tal-inġenju ma jistgħux ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tranżitorji.

2.2.2. Għall-partijiet tal-inġenju li mhumex konvertiti, id-dispożizzjonijiet tranżitorji għandhom ikomplu jkunu applikabbli bl-eċċezzjoni tal-partijiet skont it-tieni sentenza tal-punt 2.1.3.

2.2.3. Jekk id-dimensjonijiet tal-inġenju jkunu mmodifikati, id-dispożizzjonijiet tranżitorji ma jibqgħux japplikaw għal dawk il-partijiet tal-inġenju li huma marbuta ma' din il-modifika (eż. id-distanza tal-paratija tal-kollizzjoni, l-għoli tal-gverta mil-livell tal-ilma (freeboard) u l-ankra).

2.2.4. Fil-każ ta' bidla fit-tip ta' inġenju, għandhom ikunu applikabbli r-rekwiżiti speċjali tal-Anness II li japplikaw biss għat-tip ta' inġenju ġdid. Il-partijiet u l-oġġetti kollha tat-tagħmir li huma affettwati mill-konverżjoni tal-inġenju għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kurrenti Parti II u III tal-Anness II.

2.2.5. L-inġenju għandu mbagħad jingħata ċertifikat tal-Komunità ġdid jew emendat u għandha ssir nota fit-taqsimiet 7 u 8 ta' ċertifikat kemm tal-kostruzzjoni oriġinali kif ukoll tal-konverżjoni.

2.3. **Eżempji għall-illustrazzjoni**

2.3.1. Bastiment tal-merkanzija (sena tal-kostruzzjoni 1996) huwa konvertit f'bastiment tal-passiġġieri. Il-Kapitolu 15 tal-Anness II imbagħad japplika għall-bastiment kollu, mingħajr ma jinvoka d-dispożizzjonijiet tranżitorji. Jekk il-pruwa tal-bastiment ma tiġix immodifikata skont il-pjanijiet tal-konverżjoni jew skont il-Kapitolu 15, il-bastiment ma jkollux bżonn jippreżenta l-ebda niċċa ta' ankri skont l-Artikolu 3.03.

2.3.2. Lanċa tal-irmonk (sena tal-kostruzzjoni 1970) hija konvertita f'bastiment li jimbotta. Il-konverżjoni fiżika tikkonsisti biss fit-tibdil tat-tagħmir tal-gverta u fl-installazzjoni ta' mezz li jimbotta. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji kollha għal bastiment tal-1970 jibqgħu applikabbli, għajr għall-Kapitolu 5, 7 (parzjalment), l-Artikolu 10.01 u l-Artikolu 16.01.

2.3.3. Tanker bil-magna (sena tal-kostruzzjoni 1970) huwa konvertit f'bastiment li jimbotta. Il-konverżjoni fiżika tikkonsisti fis-separazzjoni tal-pruwa mit-taqsimha tal-merkanzija, kif ukoll fit-tibdil tat-tagħmir tal-gverta u l-installazzjoni ta' mezz li jimbotta. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji kollha għal bastiment tal-1970 jibqgħu applikabbli, għajr għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5, 7 (parzjalment), l-Artikolu 10.01 u l-Artikolu 16.01.

2.3.4. Tanker bil-magna huwa konvertit f'bastiment bil-magna li jgħorr il-merkanzija. Il-bastiment bil-magna li jgħorr il-merkanzija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti kurrenti tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, partikolarment dawk imsemmija fl-Artikolu 11.04 tal-Kapitolu 11 tal-Anness II.

3. APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJET TRANŻITORJI FIL-KAŻ TA' KONVERŻJONI TA' BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI

3.1. Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji

3.1.1. Il-miżuri ta' konverżjoni li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Kapitolu 15, irrappreżentat minn meta jitwettqu, ma għandhomx jikkostitwixxu l-konverżjoni 'C' skont it-tifsira tal-Artikolu 24.02(2), l-Artikolu 24.03(1) jew l-Artikolu 24.06(5) tal-Anness II, resp. l-Artikolu 24a.02, l-Artikolu 24a.03.

3.1.2. Fil-każ tal-konverżjoni ta' bastiment bil-kabini f'bastiment għall-vjaġġi ta' ġurnata, il-partijiet ġodda kollha għandhom jikkonformaw b'mod sħiħ mar-rekwiżiti kurrenti.

3.2. Eżempji għall-illustrazzjoni

3.2.1. Bastiment tal-passiġġieri (sena tal-kostruzzjoni 1995) għandu jkollu t-tieni sistema ta' propulsjoni indipendenti installata sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015. Jekk ma ssir ebda konverżjoni volontarja oħra fuq dan il-bastiment tal-passiġġieri, mhuwiex meħtieġ li jsir kalkolu tal-istabbiltà skont ir-rekwiżiti l-ġodda, iżda jekk ikun hemm hteġa oġġettiva għal wieħed, kalkolu tal-istabbiltà jista' jitwettaq skont ir-rekwiżiti tal-istabbiltà oriġinali ta' Stat Membru.

3.2.2. Bastiment tal-passiġġieri (sena tal-kostruzzjoni 1994, ċertifikat tal-bastiment imġedded l-aħħar fl-2012) sejjer jiġi estiż b'10 m fl-2016. Barra minn hekk, dan il-bastiment għandu jingħata t-tieni sistema ta' propulsjoni indipendenti. Minbarra dan, ser ikun meħtieġ kalkolu ġdid tal-istabbiltà, li għandu jitwettaq skont il-Kapitolu 15 għall-istatus ta' kompartiment wieħed u għall-istatus ta' żewġ kompartimenti.

3.2.3. Bastiment tal-passiġġieri (sena tal-kostruzzjoni 1988) jirċievi sistema ta' propulsjoni aktar b'saħħitha li tinkludi l-iskrejjen. Din hija konverżjoni tant kbira li teħtieġ kalkolu tal-istabbiltà. Dan għandu jitwettaq skont ir-rekwiżiti kurrenti."

(c) l-istruzzjoni Amministrattiva Nru 6 tinbidel b'li ġej:

"STRUZZJONI AMMINISTRATTIVA Nru 6


Applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Kapitolu 15 Subdiviżjonijiet lokali

Rekwiżiti tranżitorji għall-kompartimenti magħmula minn tined jew installazzjonijiet mobbli simili

(l-Artikolu 15.02(5), 15.03(4), 15.03(9) tal-Anness II)

1. SUBDIVIŻJONIJET LOKALI (L-ARTIKOLU 15.02(5))

Skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 15.02, huwa konċepibbli li s-subdiviżjonijiet lokali ssiġillati mill-ilma, b'hal tankijiet b'qiegħ doppju suddiviżi b'mod trasversali ta' tul akbar mit-tul tal-ħsara li jrid jiġi kkunsidrat, mhumieq ser jiġu inklużi fl-evalwazzjoni. F'dan il-każ jista' ma jkunx possibbli li jittieħed kont tas-subdiviżjoni trasversali jekk din ma tiġix estiża sal-gverta tal-paratiji. Dan jista' jwassal għal subdiviżjonijiet inadegwati tal-paratiji.



Interpretazzjoni tar-rekwiżit:

Jekk kompartiment issiġillat mill-ilma jkun itwal milli mitlub mill-paragrafu 9 tal-Artikolu 15.03 u jkun fih subdiviżjonijiet lokali li jiffurmaw sottokompartimenti ssiġillati mill-ilma, u li bejniethom jista' jinżamm it-tul minimu tal-ħsara, dawn jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-istabbiltà danneġġata.

2. REKWIŻITI TRANŻITORJI GĦAL KOMPARTIMENTI MAGĦMULA MINN TINED JEW INSTALLAZZJONIJET MOBBLI SIMILI FIR-RIGWARD TAL-ISTABBILTÀ (L-ARTIKOLU 15.03, IL-PARAGRAFU 5)

Kompartimenti magħmula minn tined jew installazzjonijiet mobbli simili jistgħu jikkawżaw problemi fl-istabbiltà tal-bastiment minħabba li, jekk ikollhom daqs suffiċjenti biex jagħmlu dan, huma jinfluwenzaw il-mument tat-tmejjil minħabba l-persjoni tar-riħ.

Interpretazzjoni tar-rekwiżit:

Fil-każ ta' bastimenti tal-passiġġieri li għalihom kien inħareġ ċertifikat tal-bastiment għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2006, jew li għalihom hija invokata t-tieni sentenza tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 24.06, wara t-twaqqif ta' kompartiment magħmul minn tined jew installazzjonijiet mobbli simili, għandu jsir kalkolu għal tal-istabbiltà skont din id-Direttiva, sakemm il-pjan laterali tiegħu A_{wz} jaqbeż il-5 % tal-pjan laterali totali A_w li jrid jittieħed f'kunsiderazzjoni f'kull każ."

- (d) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 7, il-Parti 1 tinbidel b'li ġej:

"PARTI 1:

Ankri speċjali awtorizzati

L-ankri speċjali b'massa ridotta, li huma awtorizzati minn awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 10.01, huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt.

Nr. tal-Ankra	Riduzzjoni aċċettata tal-massa tal-ankra (%)	Awtorità Kompetenti
1. HA-DU	30 %	Il-Ġermanja
2. D'Hone Spezial	30 %	Il-Ġermanja
3. Pool 1 (ħol)	35 %	Il-Ġermanja
4. Pool 2 (massief)	40 %	Il-Ġermanja
5. De Biesbosch-Danforth	50 %	Il-Ġermanja
6. Vicinay-Danforth	50 %	Franza
7. Vicinay AC 14	25 %	Franza
8. Vicinay type 1	45 %	Franza
9. Vicinay type 2	45 %	Franza
10. Vicinay type 3	40 %	Franza
11. Stockes	35 %	Franza
12. D'Hone-Danforth	50 %	Il-Ġermanja
13. Schmitt HHP-anker	40 %	Il-Pajjiżi l-Baxxi
14. SHI high holding anchor, type ST (standard)	30 %	Il-Pajjiżi l-Baxxi
15. SHI high holding anchor, type FB (fully balanced)	30 %	Il-Pajjiżi l-Baxxi
16. Klinsmann anchor	30 %	Il-Pajjiżi l-Baxxi
17. HA-DU-POWER Anchor	50 %	Il-Ġermanja"

- (e) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 11, il-punt 4, wara l-ispejgazzjoni dwar il-punt 2 ta' ċertifikat tal-Komunità, tiddaħħal l-ispejgazzjoni li ġejja tal-punt 10 ta' ċertifikat tal-Komunità:

"10. Fir-rigward ta' bastimenti li jitħallew jinnavigaw fuq ir-Renu, jiġifieri

- (a) dawk li jikkonformaw b'mod sħiħ mal-Anness II, inklużi d-dispożizzjonijiet tranżitorji għall-Kapitolu 24, u

(b) dawk li ma jagħmlu ebda użu mid-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Kapitolu 24a jew it-tnaqqis previst fl-Anness IV,

dan li ġej għandu jiżdied mal-inċiż ' - fuq passaġġi fuq l-ilma tal-Komunità fiż-żona/i:

(a) ir-Renu jew

(b) iż-żona R”.

Fil-punt 4, l-ispezzjoni dwar il-punt 43 taċ-ċertifikat tal-Komunità hija emendata kif ġej:

“43. It-tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli meħtieġa minn regolamenti oħrajn tas-sikurezza, pereżempju l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN), mhumiex inklużi hawnhekk.”

(f) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 17, it-taqsimha 3 tinbidel b’li ġej:

“3. TEST TAL-AĊĊETTAZZJONI

3.1. Is-sistemi ta’ allarm kontra n-nar għandhom jiġu kkontrollati minn espert:

(a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba,

(b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira,

(c) regolarment, mill-inqas kull sentejn.

Fil-każ tal-kmamar tal-magni u l-kmamar tal-bojlers, dawn il-kontrolli għandhom isiru taħt kundizzjonijiet differenti tal-operat tal-magni u taħt kundizzjonijiet ta’ ventilazzjoni li jinbidlu. L-ispezzjonijiet imsemmija fis-subtaqsima (c) ta’ hawn fuq jistgħu jitwettqu wkoll minn persuna kompetenti jew minn aġenzija kompetenti li tispeċjalizza f’sistemi tat-tifi tan-nar.

3.2. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-ispezzjoni, li jkun iffirmit mill-espert jew minn persuna kompetenti u li jkun juri d-data tal-ispezzjoni.”

(g) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 18, it-taqsimha 4 tinbidel b’li ġej:

“4. Ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 2 u 3 għandhom jitqiesu bħala li ġew issodisfati jekk, għal kull waħda miż-żewġ partijiet, ir-rekwiżiti tal-istabbiltà stipulati fit-Taqsimha 9.1.0.95.2 tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) ikunu ssodisfati.”

(h) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 21, it-taqsimha 8 tinbidel b’li ġej:

“8. Test tal-aċċettazzjoni

8.1. Il-luminanza tal-LLL għandha tiġi kkontrollata minn espert

(a) qabel tiddaħħal fis-servizz għall-ewwel darba,

(b) qabel tiddaħħal lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira,

(c) regolarment, mill-inqas kull ħames snin,

Il-kontrolli msemmija fis-subtaqsima (c) ta’ hawn fuq jistgħu jitwettqu wkoll minn persuna kompetenti mħarrġa fis-sistemi ta’ gwida tas-sikurezza.

8.2. Għandu jinħareġ ċertifikat tal-ispezzjoni, li jkun iffirmit mill-espert jew minn persuna kompetenti u li juri d-data tal-ispezzjoni.

8.3. Jekk, wara kejl wieħed, il-luminanza ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f’din l-istruzzjoni amministrattiva, il-kejl għandu jittieħed f’mill-inqas għaxar punti ekwidistanti. Jekk aktar minn 30 % tal-qisien ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f’din l-istruzzjoni amministrattiva, is-sistemi ta’ gwida tas-sikurezza jkunu jridu jinbidlu. Jekk bejn 20 sa 30 % tal-qisien ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f’din l-istruzzjoni amministrattiva, is-sistemi ta’ gwida tas-sikurezza għandhom jerġgħu jiġu kkontrollati fi żmien sena.”

(i) Fl-istruzzjoni Amministrattiva Nru 24, it-taqsimha 4 tinbidel b'li ġej:

“4. Kalibrar u spezzjoni tad-detteturi ta' nixxija tal-gass, it-tibdil ta' partijiet b'ħajja tas-servizz limitata

4.1. Id-detteturi ta' nixxija tal-gass għandhom jiġu kkalibrati u spezzjonati minn espert jew minn persuna kompetenti kif immexxija mill-manifattur:

(a) qabel jiddaħħlu fis-servizz għall-ewwel darba,

(b) qabel jiddaħħlu lura fis-servizz wara kull modifika jew tiswija kbira,

(c) regolament,

Għandu jinħareġ ċertifikat tal-kalibrar u tal-ispezzjoni, li jkun iffirmat mill-espert jew minn persuna kompetenti u li jkun juri d-data tal-ispezzjoni.

4.2. Partijiet tat-tagħmir tat-twissija kontra l-gass li jkollhom ħajja tas-servizz limitata għandhom jinbidlu kif xieraq qabel tiskadi l-ħajja operattiva speċifikata tagħhom.”

(j) L-istruzzjonijiet amministrattivi li ġejjin Nru 26 u 27 huma miżjuda:

“STRUZZJONI AMMINISTRATTIVA Nru 26

Esperti u Persuni Kompetenti

(l-Artikolu 1.01 il-paragrafi 106 u 107 tal-Anness II)

Esperti

L-esperti huma mitluba jwettqu testijiet tal-aċċettazzjoni li jitolbu għal għarfien speċjalizzat abbażi tal-komplessità tas-sistemi jew abbażi tal-livell ta' sikurezza meħtieġ. Il-persuni jew l-istituzzjonijiet li ġejjin huma fost dawk li huma awtorizzati biex iwettqu dawn it-testijiet tal-aċċettazzjoni:

— Soċjetajiet ta' klassifikazzjoni li jkollhom il-kompetenzi interni meħtieġa jew li jerfgħu r-responsabbiltà, abbażi tal-awtorizzazzjoni tagħhom, sabiex isejħu persuni jew istituzzjonijiet esterni u jkollhom is-sistemi meħtieġa ta' kontroll tal-kwalità fis-seħħ fir-rigward tal-għażla ta' dawn il-persuni jew istituzzjonijiet;

— Membri tal-korpi ta' spezzjoni jew impjegati tal-awtoritajiet rilevanti;

— Persuni jew istituzzjonijiet approvati uffiċjalment b'kompetenzi rikonoxxuti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjoni fil-qasam rilevanti, fejn il-korpi ta' spezzjoni tal-bastiment ikunu jistgħu jgħidli wkoll din l-approvazzjoni fil-kapaċità tagħhom bħala aġenziji pubbliċi, idealment abbażi ta' sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Persuna jew istituzzjoni titqies ukoll bħala li hija approvata jekk din tal-aħħar tkun għaddiet minn proċedura tal-għażla uffiċjali li tevalwa speċifikament il-pussess tal-kompetenzi u l-esperjenza meħtieġa.

Persuni kompetenti

Il-persuni kompetenti huma mitluba, pereżempju, li jwettqu kontrolli viżivi u kontrolli tal-operat regolari fuq it-tagħmir tas-sikurezza. Dawn li ġejjin għandhom jiġu kklassifikati bħala persuni kompetenti:

— Persuni li, abbażi tat-taħriġ u l-esperjenza professjonali tagħhom, ikollhom biżżejjed kompetenza biex ikunu jistgħu jevalwaw is-sitwazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi, eż. il-kaptani tal-bastimenti, l-uffiċjali tas-sikurezza fil-kumpaniji tat-trasport marittimu, il-membri tal-ekwipaġġ b'esperjenza rilevanti;

— Kumpaniji li jkunu akkwistaw biżżejjed għarfien speċjalizzat abbażi tal-ħidma regolari tagħhom, eż. tarzni jew aġenziji tal-installazzjoni;

— Manifatturi ta' sistemi għal skop speċjali (eż. sistemi tat-tifi tan-nar, tagħmir tal-kontroll).

Terminoloġġja

Bil-Ġermaniż	Bl-Ingliż	Bil-Franċiż	Bl-Olandiż
Sachverständiger	expert	Expert	erkend deskundige
Sachkundiger	competent person	Spécialiste	deskundige
Fachfirma	competent firm	société spécialisée	deskundig bedrijf

Testijiet tal-aċċettazzjoni

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-iskeda tat-testijiet tal-aċċettazzjoni, inkluż il-frekwenza tagħhom u t-tip ta' spettur meħtieġ biex iwettaqhom. Din it-tabella hija għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

Regola	Suġġett	Intervall massimu tat-test	Spettur
Artikolu 6.03 (5)	Ċilindri idrawliċi, pompi u	muturi 8 snin	Aġenzija kompetenti
Artikolu 6.09 (3)	Tagħmir ta' kontroll li jopera bil-mutur	3 snin	Persuna kompetenti
Artikolu 8.01 (2)	Kontenituri tal-pressjoni	5 snin	Espert
Artikolu 10.03 (5)	Tagħmir tat-tifi tan-nar portabbli	(2) sentejn	Persuna kompetenti
Artikolu 10.03a (6) (d)	Sistemi tat-tifi tan-nar fissi	(2) sentejn	Persuna kompetenti jew aġenzija kompetenti
Artikolu 10.03b (9) (b) (dd)	Sistemi tat-tifi tan-nar fissi	(2) sentejn	Persuna kompetenti jew aġenzija kompetenti
Artikolu 10.04 (3)	Laneċ li jintefħu	Kif speċifikat mill-manifattur	
Artikolu 10.05 (3)	Ġkieket tas-salvataġġ	Kif speċifikat mill-manifattur	
Artikolu 11.12 (6)	Krejnijiet	10 snin	Espert
Artikolu 11.12 (7)	Krejnijiet	(1) sena	Persuna kompetenti
Artikolu 14.13	Installazzjonijiet tal-gass likwifikat	3 snin	Espert
Artikolu 15.09 (9)	Tagħmir tas-salvataġġ	Kif speċifikat mill-manifattur	
Artikolu 15.10 (9)	Reżistenza għall-inso-lazzjoni, l-ertjar	qabel tiskadi l-validità taċ-ċertifikat tal-Komunità	
Struzzjoni amministrattiva nru 17	Sistemi ta' allarm kontra n-nar	(2) sentejn	Espert jew persuna kompetenti
Struzzjoni amministrattiva nru 21	Sistemi ta' gwida tas-sikurezza	5 snin	Espert jew persuna kompetenti
Struzzjoni amministrattiva nru 24	Tagħmir tat-twissija kontra l-gass	Kif speċifikat mill-manifattur	Espert jew persuna kompetenti

STRUZZJONI AMMINISTRATTIVA Nru 27**Inġenji ta' divertiment**

(L-Artikolu 21.02 (2) flimkien mal-Artikolu 7.02, l-Artikolu 8.05 (5), l-Artikolu 8.08 (2) u l-Artikolu 8.10 tal-Anness II)

1. Ġenerali

Inġenji ta' divertiment twal sa 24 metru, li jitqiegħdu fis-suq, għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), kif emendata mid-Direttiva 2003/44/KE (**). Skont l-Artikolu 3 flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva, inġenji ta' divertiment li jkollhom tul ta' 20 metru jew aktar għandu jkollhom ċertifikat tal-Komunità ta' navigazzjoni interna li jiċċertifika l-konformità tal-inġenju mar-rekwiżiti tekniċi tal-Anness II. Minħabba li l-ispezzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni doppja għal

ċerti tagħmir, arranġamenti u installazzjonijiet ta' inġenji ta' divertiment mibnija għodda li jistgħu jirriżultaw minn ċerti dispożizzjonijiet fl-Artikolu 21.02 tal-Anness II għandha tiġi evitata, din l-Istruzzjoni Amministrattiva tagħti informazzjoni fuq daww ir-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 21.02 li huma koperti biżżejjed skont id-Direttiva 94/25/KE.

2. Rekwiżiti fl-Artikolu 21.02 li huma diġà koperti skont id-Direttiva 94/25/KE

Għal inġenji tad-divertiment soġġetti għad-Direttiva 94/25/KE, fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-Komunità tan-navigazzjoni interna (spezzjoni inizjali), il-korp tal-ispezzjoni ma għandux jitlob li ssir spezzjoni jew ċertifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti li ġejjin tal-Artikolu 21.02 (2) tal-Anness II sakemm l-inġenju ppreżentat għall-ispezzjoni jkun tqiegħed fis-suq mhux aktar minn 3 snin qabel id-data tal-preżentazzjoni lill-korp tal-ispezzjoni u ma tkun saret l-ebda modifika fl-inġenju, filwaqt li d-Dikjarazzjoni ta' Konformità tirreferi għall-istandards armonizzati li ġejjin jew l-ekwivalenza tagħhom:

- Artikolu 7.02: EN ISO 11591:2000, (Veduta libera)
- Artikolu 8.05 (5): EN ISO 10088:2001, (Tankijiet tal-fjuwil u pajpijiet)
- Artikolu 8.08 (2): EN ISO 15083:2003, (Pompi tas-sentina)
- Artikolu 8.10: EN ISO 14509, (Emissjoni tal-ħsejjes)

(*) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15.

(**) ĠU L 214, 26.8.2003, p. 18."

ANNEX II

L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

— **L-ewwel żewġ sentenzi tal-paragrafu 1 tal-Parti I jinbidlu b'li ġej:**

“is-soċjetà ta' klassifikazzjoni għandha tkun tista' tiddokumenta esperjenza estensiva fil-valutazzjoni tad-disinn u l-konstruzzjoni ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Is-soċjetà ta' klassifikazzjoni għandu jkollha regoli u regolamenti komprensivi għat-tfassil, il-konstruzzjoni u l-ispezzjoni perijodika ta' bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, b'mod partikolari għall-kalkolazzjoni tal-istabbiltà skont il-Parti 9 tar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) kif imsemmi fl-Artikolu 22a.04 u fl-Artikolu 22.05 tal-Anness II u li għandhom jiġu ppubblikati mill-inqas bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż u għandhom jiġu aġġornati u mtejbja kontinwament permezz ta' riċerka u programmi ta' żvilupp.”

— **L-ewwel sentenza tal-paragrafu 11 tal-Parti I tinbidel b'li ġej:**

“is-soċjetà ta' klassifikazzjoni għandha tkun ippreparat u implimentat u għandha iżomm sistema ta' kwalità interna effettiva bbażata fuq il-partijiet rilevanti tal-istandards tal-kwalità rikonoxxuti internazzjonalment u tkun konformi mal-istandard EN ISO/IEC 17020: 2004, kif interpretat mir-Rekwiżiti tal-Iskema ta' Ċertifikazzjoni għal Sistema ta' Kwalità IACS.”

— **Il-paragrafu 4 tal-Parti II jinbidel b'li ġej:**

“4. Qabel tapprova soċjetà ta' klassifikazzjoni li ma tkunx ġiet rikonoxxuta fil-qafas tar-Regolament dwar l-Ispezzjoni tal-Bastimenti fuq ir-Renu mill-Istati Membri kollha tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-Segretarjat tal-Kummissjoni Ċentrali.”

— **Il-Parti III tinbidel b'li ġej:**

“Parti III

Lista ta' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni approvati

Abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Partijiet I u II, is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni li ġejjin huma attwalment approvati skont l-Artikolu 10 (1) ta' din id-Direttiva:

- (1) Bureau Veritas
- (2) Germanischer Lloyd
- (3) Lloyd's Register of Shipping
- (4) Polski Rejestr Statków S.A.
- (5) RINA s.p.a.
- (6) Russian Maritime Register of Shipping

Sal-approvazzjoni tagħhom skont il-Partijiet I u II, is-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni li huma rikonoxxuti u approvati u awtorizzati minn Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (*) huma attwalment approvati skont l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva biss fir-rigward ta' bastimenti li joperaw esklussivament fuq il-passaġġi fuq l-ilma ta' dak l-Istat Membru.

(*) ĠU L 319, 12.12.1994, p. 20”

ANNEX III

1. L-Anness IX jinbidel b'li ġej:

"ANNEX IX

TAGĦMIR TAR-RADAR U INDIKATURI TAR-RATA TAD-DAWRAN UŻATI ABBORD BASTIMENTI TAL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

WERREJ

Definizzjonijiet

- PARTI I: Rekwiżiti minimi u kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-installazzjonijiet tar-radar użati għan-navigazzjoni abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni
- PARTI II: Rekwiżiti minimi u kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni
- PARTI III: Rekwiżiti għal testijiet ta' installazzjoni u ta' prestazzjoni għal tagħmir tar-radar u indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni
- PARTI IV: Ċertifikat ta' installazzjoni u ta' prestazzjoni għat-tagħmir bir-Radar u għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni
- PARTI V: Reġistru ta' awtoritajiet kompetenti, servizzi tekniċi, tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u indikaturi tar-rata tad-dawran approvati u aġenziji speċjalizzati approvati
- PARTI VI: Tagħmir ekwivalenti

Definizzjonijiet:

- 'Test tat-tip' tfisser il-proċedura tat-test imsemmija fil-Parti I l-Artikolu 4 jew fil-Parti II l-Artikolu 1.03 li tintuża mis-servizz tekniċi sabiex jittestja l-konformità mar-rekwiżiti skont dan l-Anness. It-test tat-tip jiffirma parti integrali mill-approvazzjoni tat-tip;
- 'Approvazzjoni tat-tip' tfisser il-proċedura amministrattiva, li permezz tagħha Stat Membru jikkonferma li t-tagħmir huwa konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

Għat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar, din il-proċedura tinkludi d-dispożizzjonijiet skont l-Artikoli 5 sa 7 u 9. Għall-indikaturi tar-rata tad-dawran, il-proċedura tinkludi d-dispożizzjonijiet skont il-Parti II, l-Artikoli 1.04 sa 1.06 u 1.08;
- 'Ċertifikat tat-test' tfisser id-dokument fejn huma elenkati r-riżultati tat-test tat-tip;
- 'Applikant' jew 'manifattur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew legali li taħt isimha, il-marka kummerċjali tagħha jew xi forma oħra ta' identifikazzjoni tagħha, it-tagħmir sottomess għall-ittestjar huwa manifatturat jew kummerċjalizzat u li hija responsabbli għall-kwistjonijiet kollha fir-rigward tal-ittestjar tat-tip u l-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tas-servizz tekniċi u l-awtorità tal-approvazzjoni;
- 'Servizz tekniċi' tfisser l-istituzzjoni, l-awtorità jew l-organizzazzjoni li tagħmel l-ittestjar tat-tip;
- 'Dikjarazzjoni tal-manifattur' tfisser id-dikjarazzjoni li permezz tagħha manifattur jagħti l-assigurazzjoni li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti minimi prevalenti u li jkun identiku f'kull aspett għat-tip sottomess għall-ittestjar;
- 'Dikjarazzjoni ta' konformità' skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom (*) tfisser id-dikjarazzjoni skont id-Direttiva 1999/5/KE, l-Anness II, il-Paragrafu 1, li permezz tagħha l-manifattur jikkonferma li l-prodotti inkwistjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tad-Direttiva;
- 'Awtorità kompetenti' tfisser l-awtorità uffiċjali li toħroġ l-approvazzjoni tat-tip.

(*) ĠU L 91, 7.4.1999. p. 10.

PARTI I

Rekwiżiti minimi u kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-installazzjonijiet tar-radar użati għan-navigazzjoni abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni*Werrej*

Artikolu 1 – Kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 2 – Għan tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar

Artikolu 3 – Rekwiżiti minimi

Artikolu 4 – Testijiet tat-tip

Artikolu 5 – Applikazzjoni għal test tat-tip

Artikolu 6 – Approvazzjoni tat-tip

Artikolu 7 – Immarkar tat-tagħmir u n-numru tal-approvazzjoni tat-tip

Artikolu 8 – Dikjarazzjoni tal-manifattur

Artikolu 9 – Modifiki fit-tagħmir approvat skont it-tip

*Artikolu 1***Kamp ta' applikazzjoni**

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għat-tagħmir tar-radar użat għan-navigazzjoni abbord bastimenti ta' passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti minimi.

*Artikolu 2***Għan tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar**

It-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar għandu jiffaċilita n-navigazzjoni tal-bastiment billi jipprovdi stampa intelliġibbli tar-radar tal-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' baġi, xtut u strutturi tan-navigazzjoni, kif ukoll jippermetti r-rikonossiment affidabbli u f'waqt ta' bastimenti oħrajn u ostakoli li jkunu jinsabu f'wiċċ l-ilma.

*Artikolu 3***Rekwiżiti minimi**

1. Bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti dwar il-kompatibilità elettromanjetika (l-Artikolu 3.1.b tad-Direttiva 1999/5/KE) u tar-rekwiżiti dwar l-użu effettiv tal-ispettru sabiex tiġi evitata interferenza perikoluża li tirriżulta mill-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 1999/5/KE, it-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar użat fil-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-istandard Ewropew EN 302194-1: 2006:

2. Il-Paragrafu 1 japplika għat-tagħmir ECDIS intern li jista' jitħaddem fil-mod tan-navigazzjoni. Barra minn hekk, dan it-tagħmir għandu jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tal-istandards tal-ECDIS Interni fil-verżjoni li hija valida fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip.

*Artikolu 4***Testijiet tat-tip**

1. Il-konformità mar-rekwiżiti minimi speċifikati fl-Artikolu 3(1) għandha tiġi stabbilita permezz ta' test tat-tip.

2. Jekk it-tagħmir jgħaddi mit-test tat-tip, l-istabbiliment tal-ittestjar għandu jgħoddi ċertifikat tat-test. Jekk it-tagħmir jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti minimi, l-applikant għandu jiġi informat bil-miktub dwar ir-raġunijiet għar-rifjut tiegħu.

*Artikolu 5***Applikazzjoni għal test tat-tip**

1. L-applikazzjonijiet għal test tat-tip ta' installazzjoni tan-navigazzjoni bir-radar għandhom jiġu sottomessi lil servizz tekniku.

Is-servizzi tekniċi għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea.

2. Kull applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:

- (a) deskrizzjonijiet tekniċi dettaljati;
- (b) sett komplut ta' dokumenti ta' installazzjoni u ta' servizz;
- (c) manwali dettaljati tal-operatur;
- (d) manwal qasir tal-operatur; u
- (e) fejn applikabbli, evidenza ta' testijiet li saru qabel.

3. Fil-każ li ma jkunx maħsub mill-applikant li jkollu d-Dikjarazzjoni ta' Konformità konformi mad-Direttiva 1999/5/KE stabbilita fl-istess ħin mal-approvazzjoni tat-tip, għandha tiġi ppreżentata Dikjarazzjoni ta' Konformità flimkien mal-applikazzjoni għal test tat-tip.

Artikolu 6

Approvazzjoni tat-tip

1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tingħata mill-awtorità kompetenti skont iċ-ċertifikat tat-test. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar it-tagħmir li għalih tkun haġġet l-approvazzjoni tat-tip. L-avviż rilevanti għandu jinkludi n-numru tal-approvazzjoni tat-tip assenjat, kif ukoll id-deskrizzjoni tat-tip, l-isem tal-manifattur, l-isem tad-detentur tal-approvazzjoni tat-tip u d-data tal-approvazzjoni tat-tip.

2. Kull awtorità kompetenti jew is-servizz tekniku nnominat mill-awtorità kompetenti għandhom ikunu intitolati biex fi kwalunkwe ħin jagħżlu tagħmir mis-serje ta' produzzjoni għall-ispezzjoni.

Jekk din l-ispezzjoni tikkax xi difetti fit-tagħmir, l-approvazzjoni tat-tip tista' tkun irtirata.

L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi rtirata mill-awtorità li tkun haġġitha.

Artikolu 7

L-immarkar tat-tagħmir u n-numru tal-approvazzjoni tat-tip

1. Kull komponent tat-tagħmir għandu jkun immarkat b'mod li ma jitħassarx b':

- (a) l-isem tal-manifattur,
- (b) id-deżinjazzjoni kummerċjali tat-tagħmir,
- (c) it-tip ta' tagħmir, u
- (d) in-numru tas-serje.

2. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip assenjat mill-awtorità kompetenti għandu jitwaħħal b'mod li ma jitħassarx fuq il-parti tal-wiri b'tali mod li jibqa' jidher ċar wara l-installazzjoni tat-tagħmir.

Kompożizzjoni tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip: e-NN-NNN

e = Unjoni Ewropea

NN = numru għall-pajjiż tal-approvazzjoni tat-tip, fejn

01	=	Il-Ġermanja	08	=	Ir-Repubblika Ċeka
02	=	Franza	09	=	Spanja
03	=	L-Italja	11	=	Ir-Renju Unit
04	=	Il-Pajjiżi l-Baxxi	12	=	L-Awstrija
05	=	L-Isvezja	13	=	Il-Lussemburgu
06	=	Il-Belġju	14	=	L-Isvizzera
07	=	L-Ungerija	17	=	Il-Finlandja

18	=	Id-Danimarka	27	=	Is-Slovakkja
19	=	Ir-Rumanija	29	=	L-Estonja
20	=	Il-Polonja	32	=	Il-Latvja
21	=	Il-Portugall	34	=	Il-Bulgarija
23	=	Il-Greċja	36	=	Il-Litwanja
24	=	L-Irlanda	49	=	Ċipru
26	=	Is-Slovenja	50	=	Malta

NNN = numru bi tliet ċifri, li għandu jkun determinat mill-awtorità kompetenti.

3. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip għandu jintuża biss flimkien mal-approvazzjoni tat-tip assoċjata.

L-applikant għandu jkun responsabbli li jipproduċi u jwajhhal in-numru tal-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 8

Dikjarazzjoni tal-manifattur

Kull unità ta' tagħmir għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-manifattur.

Artikolu 9

Modifiki għal tagħmir approvat skont it-tip

1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi rtirata b'riżultat ta' kwalunkwe modifika magħmula lit-tagħmir li jkun diġà ġie approvat. Meta jkunu ppjanati xi modifiki, id-dettalji għandhom jintbagħtu bil-miktub lis-servizz tekniku kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni mas-servizz tekniku, jekk l-approvazzjoni tat-tip tkunx għadha tapplika jew jekk ikunx hemm bżonn ta' spezzjoni jew ta' test tat-tip ġdid.

Jekk jingħata test tat-tip ġdid, għandu jiġi assenjat numru ġdid tal-approvazzjoni tat-tip.

PARTI II

Rekwiżiti minimi u kundizzjonijiet tal-ittestjar għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

Werrej

KAPITOLU 1

Ġenerali

Artikolu 1.01 – Kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1.02 – Għan tal-indikatur tar-rata tad-dawran

Artikolu 1.03 – Test tat-tip

Artikolu 1.04 – Applikazzjoni għal test tat-tip

Artikolu 1.05 – Approvazzjoni tat-tip

Artikolu 1.06 – Immarkar tat-tagħmir u n-numru tal-approvazzjoni tat-tip

Artikolu 1.07 – Dikjarazzjoni tal-manifattur

Artikolu 1.08 – Modifiki għat-tagħmir approvat skont it-tip

KAPITOLU 2

Rekwiżiti minimi ġenerali għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 2.01 – Kostruzzjoni, disinn

Artikolu 2.02 – Emissjonijiet artifiċjali u kompatibbiltà elettromanjetika

Artikolu 2.03 – Operat

Artikolu 2.04 – Struzzjonijiet tal-operat

Artikolu 2.05 – Installazzjoni tas-sensur

KAPITOLU 3

Rekwiżiti minimi tal-operat għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 3.01 – Kemm l-indikatur tar-rata tad-dawran ikun lest għall-operat

Artikolu 3.02 – Indikazzjoni tar-rata tad-dawran

Artikolu 3.03 – Firxa ta' qisien

Artikolu 3.04 – Preċiżjoni tar-rata ta' dawran indikata

Artikolu 3.05 – Sensittività

Artikolu 3.06 – Monitoraġġ tal-operat

Artikolu 3.07 – Nuqqas ta' sensittività għal movimenti normali oħrajn tal-bastiment

Artikolu 3.08 – Nuqqas ta' sensittività għall-kampijiet manjetiċi

Artikolu 3.09 – Indikaturi sekondarji

KAPITOLU 4

Rekwiżiti tekniċi minimi għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 4.01 – Operat

Artikolu 4.02 – Tagħmir ta' taffija (damping devices)

Artikolu 4.03 – Konnessjoni ta' tagħmir addizzjonali

KAPITOLU 5

Kundizzjonijiet tal-ittestjar u proċeduri għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 5.01 – Sikurezza, kapaċità ta' tagħbija u kompatibbiltà elettromanjetika

Artikolu 5.02 – Emissjonijiet artifiċjali

Artikolu 5.03 – Proċedura tat-test

Appendiċi: Tolleranzi massimi għall-iżbalji tal-indikaturi tar-rata tad-dawran

KAPITOLU 1

Ġenerali

Artikolu 1.01

Kamp ta' applikazzjoni

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti ta' passaġġi fuq l-ilma interni, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ittestjar tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti minimi.

Artikolu 1.02

Għan tal-indikatur tar-rata tad-dawran

L-indikatur tar-rata tad-dawran huwa maħsub biex jiffaċilita n-navigazzjoni bir-radar, u biex ikejjel u jindika r-rata tad-dawran tal-bastiment għal fuq in-naħa tax-xellug jew tal-lemin.

Artikolu 1.03

Test tat-tip

1. Il-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-indikaturi tar-rata tad-dawran skont il-Kapitoli 2 sa 4 għandha tiġi stabbilita permezz ta' test tat-tip.

2. Jekk it-tagħmir jgħaddi mit-test tat-tip, is-servizz tekniku għandu johroġ ċertifikat tat-test. Jekk it-tagħmir jonqos milli jissodisfa r-rekwiżiti minimi, l-applikant għandu jiġi notifikat bil-miktub dwar ir-raġunijiet għar-rifjut tiegħu.

Artikolu 1.04

Applikazzjoni għal test tat-tip

1. L-applikazzjonijiet għal test tat-tip ta' indikatur tar-rata tad-dawran għandhom jiġu sottomessi lil servizz tekniku.

Is-servizzi tekniċi għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni Ewropea.

2. Kull applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:

- (a) deskrizzjonijiet tekniċi dettaljati;
- (b) sett komplut ta' dokumenti ta' installazzjoni u ta' servizz;
- (c) struzzjonijiet tal-operat.

3. Permezz ta' testijiet, l-applikant għandu jistabbilixxi jew jitlob li jiġi stabbilit li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Ir-riżultati tat-test u r-rapporti tal-kejl għandhom ikunu meħmuża mal-applikazzjoni.

Dawn id-dokumenti u l-informazzjoni miksuba matul l-ittestjar għandhom jinżammu mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 1.05

Approvazzjoni tat-tip

1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tingħata mill-awtorità kompetenti skont iċ-ċertifikat tat-test.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar it-tagħmir li tkun approvat. L-avviż rilevanti għandu jinkludi n-numru tal-approvazzjoni tat-tip assenjat, kif ukoll id-deżinjazzjoni tat-tip, l-isem tal-manifattur, l-isem tad-detentur tal-approvazzjoni tat-tip u d-data tal-approvazzjoni tat-tip.

2. Kull awtorità kompetenti jew is-servizz tekniku nominat mill-awtorità kompetenti għandhom ikunu intitolati biex fi kwalunkwe ħin jagħżlu tagħmir mis-serje ta' produzzjoni għall-ispezzjoni.

Jekk din l-ispezzjoni tiżvela xi difetti fit-tagħmir, l-approvazzjoni tat-tip tista' tkun irtirata.

L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi rtirata mill-awtorità li tkun haġġitha.

Artikolu 1.06

Immarkar tat-tagħmir u n-numru tal-approvazzjoni tat-tip

1. Kull komponent tat-tagħmir għandu jkun immarkat b'mod li ma jitħassarx b':

- (a) l-isem tal-manifattur,
- (b) it-titlu tal-kummerċ tat-tagħmir,
- (c) it-tip ta' tagħmir, u
- (d) in-numru tas-serje.

2. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip assenjat mill-awtorità kompetenti għandu jitwaħħal b'mod li ma jitħassarx fuq il-parti tal-wiri b'tali mod li jibqa' jidher ċar wara l-installazzjoni tat-tagħmir.

Kompożizzjoni tan-numru tal-approvazzjoni tat-tip: e -NN-NNN

e = Unjoni Ewropea

NN = kodiċi għall-pajjiż tal-approvazzjoni tat-tip,

01	=	Il-Ġermanja	18	=	Id-Danimarka
02	=	Franza	19	=	Ir-Rumanija
03	=	L-Italja	20	=	Il-Polonja
04	=	Il-Pajjiżi l-Baxxi	21	=	Il-Portugall
05	=	L-Isvezja	23	=	Il-Greċja
06	=	Il-Belġju	24	=	L-Irlanda
07	=	L-Ungerija	26	=	Is-Slovenja
08	=	Ir-Repubblika Ċeka	27	=	Is-Slovakja
09	=	Spanja	29	=	L-Estonja
11	=	Ir-Renju Unit	32	=	Il-Latvja
12	=	L-Awstrija	34	=	Il-Bulgarija
13	=	Il-Lussemburgu	36	=	Il-Litwanja
14	=	L-Isvizzera	49	=	Ċipru
17	=	Il-Finlandja	50	=	Malta

NNN = numru bi tliet ċifri, li għandu jkun determinat mill-awtorità kompetenti.

3. In-numru tal-approvazzjoni tat-tip għandu jintuża biss flimkien mal-approvazzjoni tat-tip relatata.

L-applikant għandu jkun responsabbli li jipproduċi u jwaħħal in-numru tal-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 1.07

Dikjarazzjoni tal-manifattur

Kull unità ta' tagħmir għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-manifattur.

Artikolu 1.08

Modifiki għal tagħmir approvat skont it-tip

1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi ritirata b'riżultat ta' kwalunkwe modifika magħmula lit-tagħmir li jkun diġà għe approvat.

Meta jkunu ppjanati xi modifiki, id-dettalji għandhom jintbagħtu bil-miktub lis-servizz tekniku kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi, wara konsultazzjoni mas-servizz tekniku, jekk l-approvazzjoni tat-tip tkunx għadha tapplika jew jekk ikunx hemm bżonn ta' spezzjoni jew ta' test tat-tip ġdid.

Jekk jingħata test tat-tip ġdid, għandu jiġi assenjat numru ġdid tal-approvazzjoni tat-tip.

KAPITOLU 2

Rekwiżiti minimi ġenerali għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 2.01

Kostruzzjoni, disinn

1. L-indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom ikunu addattati għall-operat abbord bastimenti ta' passaġġi fuq l-ilma interni.

2. Il-kostruzzjoni u d-disinn tat-tagħmir għandhom ikunu konformi mal-prattika kurrenti ta' inġinerija tajba, kemm mekkanikament kif ukoll elettrikament.

3. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni speċifika fl-Anness II jew f'dan l-Anness, ir-rekwiżiti u l-metodi tal-ittestjar inklużi fl-Istandard Ewropew EN 60945:2002 għandhom japplikaw għall-provvista tal-enerġija, għas-sikurezza, għall-interferenza reċiproka tat-tagħmir abbord, għad-distanza ta' protezzjoni tal-boxxla, għar-reżistenza għall-influwenzi klimatiki, għas-saħħa mekkanika, għall-influwenzi ambjentali, għall-emissjoni tal-ħsejjes li jinstemgħu u għall-immarrar tat-tagħmir.

Barra minn hekk, it-tagħmir għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dan l-Anness ftemperaturi ambjentali bejn 0 °C u 40 °C.

Artikolu 2.02

Emissjonijiet artifiċjali u kompatibilità elettromanjetika

1. Rekwiżiti ġenerali

L-indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE.

2. Emissjonijiet artifiċjali

Fil-firxa ta' frekwenza ta' 156 sa 165 MHz, 450 sa 470 MHz u 1,53 sa 1,544 GHz il-qawwa tal-kamp ma għandhiex taqbeż valur ta' 15 µV/m. Dawn il-qawwiet tal-kamp għandhom japplikaw b'distanza ta' 3 metri mit-tagħmir li jkun qiegħed jiġi ttestjat.

Artikolu 2.03

Operat

1. It-tagħmir ma għandux ikollu aktar mezz ta' kontroll milli meħtieġa sabiex jopera b'mod korrett.

Id-disinn, il-marki u l-manipulazzjoni tal-mezz ta' kontroll għandhom ikunu tali li jippermettu operat sempliċi, mhux ambigwu u veloċi. L-arranġament tagħhom għandu jkun tali biex kemm jista' jkun jipprevjeni żbalji tal-operat.

Il-mezz ta' kontroll li mhumix meħtieġa għall-operat normali ma għandhomx ikunu direttament aċċessibbli.

2. Il-mezz ta' kontroll u l-indikaturi għandhom jiġu pprovduti b'simboli jew marki bl-Ingliż. Is-simboli għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istandard Ewropew EN 60417:1998.

Iċ-ċifri u l-ittri kollha għandu jkollhom għoli ta' mill-inqas 4 mm. Jekk jista' jintwera li, għal raġunijiet tekniċi, ċifri u ittri b'għoli ta' 4 mm mhumix possibbli u jekk għal finijiet tal-operat ikunu aċċettabbli ċifri u ittri iżgħar, għandu jkun permess tnaqqis għal 3 mm.

3. It-tagħmir għandu jkun imfassal b'tali mod li l-iżbalji tal-operat ma jkunux jistgħu joħolqu lura.

4. Xi funzjonijiet li jmorru 'lil hinn mir-rekwiżiti minimi, bħal faċilitajiet għall-konnessjoni ma' tagħmir ieħor, għandhom ikunu pprovduti b'tali mod li t-tagħmir jissodisfa r-rekwiżiti minimi taħt il-kundizzjonijiet kollha.

Artikolu 2.04

Struzzjonijiet tal-operat

Għandu jiġi pprovdut manwal tal-operat dettaljat ma' kull unità. Dan għandu jkun disponibbli bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) attivazzjoni u operat;
- (b) manutenzjoni u servizzjar;
- (c) struzzjonijiet ġenerali dwar is-sikurezza.

Artikolu 2.05

Installazzjoni tas-sensur

Id-direzzjoni tal-installazzjoni fir-rigward tal-linja tal-karina għandha tkun indikata fuq l-unità tas-sensur tal-indikatur tar-rata tad-dawran. Għandhom jiġu pprovduti struzzjonijiet tal-installazzjoni sabiex jiġi żgurat il-massimu tal-inqas sensitività possibbli għal movimenti normali oħrajn tal-bastiment.

(*) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

KAPITOLU 3

Rekwiżiti minimi tal-operat għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 3.01

Kemm l-indikatur tar-rata tad-dawran ikun lest għall-operat

1. Minn meta jinxtegħel, l-indikatur tar-rata tad-dawran għandu jopera kompletament fi żmien 4 minuti u għandu jopera fil-qafas tat-tolleranzi tal-preċiżjoni meħtieġa.
2. Sinjal ta' twissija għandu jindika li l-indikatur huwa mixgħul. L-osservazzjoni u l-operat tal-indikatur tar-rata tad-dawran għandhom ikunu jistgħu jsiru fl-istess ħin.
3. Mezzi ta' kontroll li jaħdmu mill-bogħod u mingħajr wajers ma għandhomx ikunu permessi.

Artikolu 3.02

Indikazzjoni tar-rata tad-dawran

1. Ir-rata tad-dawran għandha tkun indikata fuq skala lineari bil-grad li jkollha punt żero li jkun jinsab fin-nofs. Id-direzzjoni u l-livell massimu tar-rata tad-dawran għandhom ikunu jistgħu jinqraw bil-preċiżjoni meħtieġa. Indikaturi oħrajn għajr dawk bil-labra u bar graphs ma għandhomx ikunu permessi.
2. L-iskala tal-indikatur għandha tkun twila mill-inqas 20 cm u tista' tkun ċirkolari jew rettilineari.
L-iskali rettilineari jistgħu jkunu rranġati b'mod orizzontali biss.
3. Indikaturi esklussivament diġitali ma għandhomx ikunu permessi.

Artikolu 3.03

Firxa ta' qisien

L-indikaturi tar-rata tad-dawran jistgħu jiġu pprovduti b'firxa ta' qisien waħda jew aktar. Il-firxiet ta' qisien li ġejjin huma rakkomandati:

- 30 °/min
- 60 °/min
- 90 °/min
- 180 °/min
- 300 °/min.

Artikolu 3.04

Preċiżjoni tar-rata tad-dawran indikata

Ir-rata tad-dawran indikata ma għandhiex tvarja b'aktar minn 2 % mill-valur massimu li jista' jitkejjel jew b'aktar minn 10 % mill-valur attwali; skont liema jkun l-akbar (ara l-Appendiċi).

Artikolu 3.05

Sensittività

Il-livell limitu tal-operat għandu jkun inqas minn jew daqs bidla fil-veloċità angolari ekwivalenti għal 1 % tal-valur indikat.

Artikolu 3.06

Monitoraġġ tal-operat

1. Jekk l-indikatur tar-rata tad-dawran ma joperax fil-firxa ta' preċiżjoni meħtieġa, dan għandu jkun indikat.
2. Jekk jintuża ġiroskopju, kull nuqqas kritiku fir-rata tar-rotazzjoni tal-ġiroskopju għandu jkun senjalat minn indikatur. Nuqqas kritiku fir-rata tar-rotazzjoni tal-ġiroskopju huwa wieħed li jbaxxi l-preċiżjoni b'10 %.

Artikolu 3.07

Nuqqas ta' sensitività għal movimenti normali oħrajn tal-bastiment

1. It-tmejjil min-naħa għall-oħra (rolling) tal-bastiment sa 10° b'rata ta' dawran sa $4^\circ/\text{s}$ ma għandux jagħti lok għal żbalji ta' kejl akbar mit-tolleranzi stipulati.
2. Impatti bħal dawk li jseħħu matul l-irmiġġ ma għandhomx iwasslu għal żbalji ta' kejl akbar mit-tolleranzi stipulati.

Artikolu 3.08

Nuqqas ta' sensitività għall-kampijiet manjetiċi

L-indikatur tar-rata tad-dawran ma għandux ikun sensitiv għall-kampijiet manjetiċi li jidhru tipikament abbord il-bastiment.

Artikolu 3.09

Indikaturi sekondarji

L-indikaturi sekondarji għandhom jissodisfaw ir-reqwiziti kollha applikabbli għall-indikaturi tar-rata tad-dawran.

KAPITOLU 4

Rekwiżiti tekniċi minimi għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 4.01

Operat

1. Il-mezzi ta' kontroll kollha għandhom ikunu rranġati b'tali mod li matul l-operat tagħhom l-ebda informazzjoni ma tiġi mgħottija u n-navigazzjoni bir-radar tibqa' kompletament possibbli.
2. Il-mezzi ta' kontroll u l-indikaturi kollha għandu jkollhom dawl li ma jgħammix adattat għall-kundizzjonijiet ambjentali kollha tad-dawl u li jkun aġġustabbli sa żero permezz ta' mezz ta' kontroll indipendenti.
3. L-aġġustament fil-mezzi ta' kontroll għandu jkun tali li l-movimenti lejn il-lemin jew 'il fuq ikollhom effett pożittiv fuq kemm għandu jkun hemm bdil u l-movimenti lejn ix-xellug jew 'l isfel ikollhom effett negattiv.
4. Jekk jintużaw buttuni li jingħafsu, dawn għandhom ikunu jistgħu jinstabu u jitħaddmu billi jitmissu. Meta dawn ma jibqgħux magħfusa, dan għandu jinħass ċarament. Jekk il-buttuni li jingħafsu jkollhom bosta funzjonijiet, għandu jkun evidenti liema livell ġerarkiku huwa attiv.

Artikolu 4.02

Tagħmir tat-taffija (damping devices)

1. Is-sistema tas-sensur għandha tkun imtaffija għal valuri kritiċi. Il-kostant tat-taffija (63% tal-valur tal-limitu) ma għandux jaqbeż $0,4$ s.
2. L-indikatur għandu jkun imtaffi għal valuri kritiċi.

Il-kontrolli biex tiżdied is-sistema li ttaffi għandhom ikunu permessi.

Il-kostant li jtaffi taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu jaqbeż il-5 s.

Artikolu 4.03

Konnessjoni ta' tagħmir addizzjonali

1. Jekk l-indikatur tar-rata tad-dawran jista' jkun konness ma' indikaturi sekondarji jew tagħmir simili, l-indikazzjoni tar-rata tad-dawran għandha tibqa' tintuża bħala sinjal elettriku analoġu. Barra minn hekk, l-indikatur tar-rata tad-dawran jista' jkollu interfaċċa diġitali skont (2).

Ir-rata tad-dawran għandha tkompli tkun indikata b'insulazzjoni galvanika u l-ekwivalenti għal vultaġġ analoġu ta' $20 \text{ mV}/^\circ/\text{min} \pm 5\%$ u reżistenza interna massima ta' 100Ω .

Il-polarità għandha tkun pożittiva meta l-bastiment ikun qiegħed idur għal fuq il-lemin u negattiva meta jkun qiegħed idur lejn ix-xellug.

Il-livell limitu tal-operat ma għandux jaqbeż iż- $0,3^{\circ}/\text{min}$.

Żball żero ma għandux jaqbeż $1^{\circ}/\text{min}$ f'temperaturi minn 0°C sa 40°C .

Bl-indikatur mixgħul u s-sensur mhux espost għall-effetti tal-moviment, il-vultaġġ artifiċjali fis-sinjal tal-output imkejjeġ b'filtru pass-band low-pass ta' 10 Hz ma għandux jaqbeż 1-10 mV.

Is-sinjal tar-rata tad-dawran għandu jasal mingħajr ma jiġi mtaffi addizzjonalment lil hinn mil-limiti msemmija fl-Artikolu 4.02 (1).

2. Għandha tiġi ddisinjata interfaċċa diġitali skont l-istandards Ewropej EN 61162-1: 2008, EN 61162-2: 1998 u EN 61162-3: 2008.

3. Għandu jiġi pprovdut swiċċ għal allarm estern. Is-swiċċ għandu jkun installat bħala swiċċ li jaqta' l-insulazzjoni galvanika għall-indikatur.

L-allarm estern għandu jinxtegħel permezz ta' għeluq ta' kuntatt:

(a) jekk l-indikatur tar-rata tad-dawran ikun skonnettjat; jew

(b) jekk l-indikatur tar-rata tad-dawran ma jkunx qiegħed jopera; jew

(c) jekk il-mezz ta' kontroll tal-operat ikun irreaġixxa b'riżultat ta' żball eċċessiv (l-Artikolu 3.06).

KAPITOLU 5

Kundizzjonijiet tal-ittestjar u proċeduri għall-indikaturi tar-rata tad-dawran

Artikolu 5.01

Sikurezza, kapaċità ta' tagħbija u kompatibbiltà elettromanjetika

Il-provvista tal-enerġija, is-sikurezza, l-interferenza reċiproka ta' tagħmir abbord il-bastiment, id-distanza sikura tal-boxxla, ir-reżistenza għal influwenzi klimatiċi, is-saħħa mekkanika, l-impatt ambjentali u l-emissjoni tal-ħoss li jinstema' għandhom jiġu ttestjati skont l-Istandard Ewropew EN 60945:2002.

Artikolu 5.02

Emissjonijiet artifiċjali

L-emissjonijiet artifiċjali għandhom jitkejlu skont l-Istandard Ewropew EN 60945:2002 fil-medda ta' frekwenza ta' 30 sa 2000 MHz.

Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2.02 (2) għandhom jiġu ssodisfati.

Artikolu 5.03

Proċedura tat-test

1. L-indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom jiġu ttestjati taħt kundizzjonijiet nominali u estremi ta' operat. F'dan ir-rigward, l-influwenza tal-vultaġġ tal-operat u tat-temperatura ambjentali għandhom jiġu ttestjati sal-valur limitu preskritt.

Barra minn hekk, it-transmitters tar-radju għandhom jintużaw biex joħolqu il-massimu tal-kampijiet manjetiċi fil-viċinanza tal-indikaturi.


2. Taħt il-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, l-iżbalji tal-indikatur għandhom jibqgħu fit-tolleranzi indikati fl-Anness.

3. Ir-rekwiżiti minimi kollha tal-Kapitoli 2 sa 4 għandhom jiġu ssodisfati.

Appendiċi

Figura 1

Tolleranzi massimi għall-iżbalji ta' indikazzjoni tal-indikaturi tar-rata tad-dawran



PARTI III

Rekwiżiti għal testijiet ta' installazzjoni u ta' prestazzjoni għal tagħmir tar-radar u indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni*Werrej*

Artikolu 1 – Ġenerali

Artikolu 2 – Aġenziji speċjalizzati approvati

Artikolu 3 – Rekwiżiti għall-provvista tal-enerġija abbord

Artikolu 4 – Installazzjoni tal-antenna tar-radar

Artikolu 5 – Installazzjoni tal-unità tal-wiri u tal-unità tal-kontroll

Artikolu 6 – Installazzjoni tal-indikatur tar-rata tad-dawran

Artikolu 7 – Installazzjoni tas-sensur tal-pożizzjoni

Artikolu 8 – Test tal-installazzjoni u tal-prestazzjoni

Artikolu 9 – Ċertifikat tal-installazzjoni u tal-prestazzjoni

*Artikolu 1***Ġenerali**

1. It-testijiet tal-installazzjoni u tal-prestazzjoni tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u s-sistemi ta' indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom isiru skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

2. Huwa biss it-tagħmir approvat

(a) b'approvazzjoni tat-tip skont

(aa) l-Artikolu 6 tal-Parti I jew

(bb) l-Artikolu 1.05 tal-Parti II jew

(b) b'approvazzjoni tat-tip rikonoxxuta bħala ekwivalenti skont il-Parti VI; u

(c) li jkollu numru ta' approvazzjoni tat-tip korrispondenti

li għandu jkun awtorizzat għall-installazzjoni.

*Artikolu 2***Aġenziji speċjalizzati approvati**

1. L-installazzjoni, it-tibdil, it-tiswija jew il-manutenzjoni tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran għandhom jitwettqu biss minn aġenziji speċjalizzati approvati mill-awtorità kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea.

2. L-approvazzjoni tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji speċjalizzati li hija tkun approvat.

*Artikolu 3***Rekwiżiti għall-provvista tal-enerġija abbord**

Il-wajers kollha tal-provvista tal-enerġija għat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran għandu jkollhom il-mezzi ta' sikurezza separati tagħhom u, jekk possibbli, ikunu tali li ma jstgħux jiffunzjonaw ħażin (fail-safe).

*Artikolu 4***Installazzjoni tal-antenna tar-radar**

1. L-antenna tar-radar għandha tkun installata l-eqreb possibbli għal-linja tal-pruwa u l-poppa. Ma għandu jkun hemm l-ebda tfixkil fil-viċinanzi tal-antenna li joħloq eki foloz jew dellijiet mhux mixtieqa; jekk ikun meħtieġ, l-antenna għandha tkun immuntata fuq il-pruwa. Il-muntaġġ u t-twaħħil tal-antenna tar-radar fil-pożizzjoni ta' operat tagħha għandhom ikunu stabbli biżżejjed biex jippermettu li t-tagħmir tar-radar jopera fil-limiti ta' preċiżjoni mitluba.

2. Wara li l-iżball angolari fil-muntaġġ ikun ġie kkoreġut u t-tagħmir ikun inxtegħel, id-differenza bejn is-sinjal li juri l-pruwa fil-boxxla u l-linja tal-pruwa u l-poppa ma għandhiex tkun akbar minn 1°.

Artikolu 5

Installazzjoni tal-unità tal-wiri u tal-unità tal-kontroll

1. L-unità tal-wiri u l-unità tal-kontroll għandhom ikunu installati fil-kamra tat-tmunier b'tali mod li l-evalwazzjoni tal-istampa tar-radar u l-operat tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar ma jippreżentaw l-ebda diffikultà. L-orjentazzjoni azzimutali tal-istampa tar-radar għandha tkun skont is-sitwazzjoni normali tal-inhaw. Il-kontenituri u l-consoles li jistgħu jiġu aġġustati għandhom ikunu kkostruwiti f'tali mod li jistgħu jiġu ffsati f'kull pozzizzjoni ħielsa mill-vibrazzjoni.
2. Matul in-navigazzjoni bir-radar, id-dawl artifiċjali ma għandux ikun rifless fid-direzzjoni tal-operatur tar-radar.
3. Meta l-unità tal-kontroll ma tkunx parti mill-unità tal-wiri, hija għandha titqiegħed f'post magħluq sa metru (1 m) 'l bogħod mill-unità tal-wiri. Mezzi ta' kontroll li jaħdmu mill-bogħod u mingħajr wajers ma għandhomx ikunu permissi.
4. Jekk jiġu installati indikaturi sekondarji, dawn għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li japplikaw għat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar.

Artikolu 6

Installazzjoni tal-indikatur tar-rata tad-dawran

1. L-indikatur tar-rata tad-dawran għandu jkun jinsab 'il quddiem mit-tmunier u fil-firxa tal-vizzjoni tiegħu.
2. Is-sistema tas-sensuri għandha tkun installata kemm jista' jkun imbiegħda f'nofs il-bastiment, orizzontali u allinjata mal-linja tal-pruwa u tal-poppa tal-bastiment. Il-post tal-installazzjoni għandu jkun kemm jista' jkun ħieles mill-vibrazzjoni u jkun suxxettibbli biss għall-varjazzjonijiet modesti tat-temperatura. Jekk possibbli, l-unità tal-indikatur għandha tkun installata direttament fuq l-unità tar-radar.
3. Jekk jiġu installati indikaturi sekondarji, dawn għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li japplikaw għall-indikaturi tar-rata tad-dawran.

Artikolu 7

Installazzjoni tas-sensur tal-pożizzjoni

Għat-tagħmir ECDIS intern li jitħaddem f'modalità ta' navigazzjoni, is-sensur tal-pożizzjoni (eż. antenna DGPS) għandu jkun installat b'tali mod li jiżgura li jopera bl-akbar grad possibbli ta' preċiżjoni u li ma jkunx affettwat ħażin minn sovrastrutturi u tagħmir ta' trasmissjoni abbord il-bastiment.

Artikolu 8

Test tal-installazzjoni u tal-prestazzjoni

Qabel ma t-tagħmir jinxtegħel għall-ewwel darba wara l-installazzjoni, jew wara tiġdid jew estensjonijiet ta' ċertifikat tal-Komunità (għajr skont l-Artikolu 2.09 (2) tal-Anness II), kif ukoll wara kull modifika tal-bastiment li x'aktarx taffettwa l-kundizzjonijiet tal-operat tat-tagħmir, għandu jsir test ta' installazzjoni u ta' prestazzjoni mill-awtorità kompetenti jew mis-servizz tekniku nominat mill-awtorità kompetenti jew minn aġenzija awtorizzata skont l-Artikolu 2. Għal dan il-għan, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-provvista tal-enerġija għandu jkollha mezz ta' sikurezza separat;
- (b) il-vultaġġ tal-operat għandu jkun fi ħdan it-tolleranza;
- (c) il-wajers u l-installazzjoni għandhom jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tal-Anness II u, jekk applikabbli, tal-ADN;
- (d) ir-rata tar-rotazzjonijiet tal-antenna għandha tkun mill-inqas 24 rpm;
- (e) ma għandu jkun hemm l-ebda tfixkil fil-viċinanza tal-antenna li jfixkel in-navigazzjoni;
- (f) is-swiċċ tas-sikurezza tal-antenna, jekk ikun ipprovdut, għandu jkun jopera sew;
- (g) l-arranġament tal-unitajiet tal-wiri, tal-indikaturi tar-rata tad-dawran u tal-unitajiet tal-kontroll għandu jkun ergonominiku u faċli biex jintuża;
- (h) is-sinjali li juri l-pruwa fil-boxxla tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar ma għandux jiddevja b'aktar minn 1 ° mil-linja tal-pruwa u tal-poppa tal-bastiment;

- (i) il-preċiżjoni tal-firxa u l-wirjiet aġimutali għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti (kejl b'użu ta' miri magħrufa);
- (j) il-linearità ffirxiet qosra għandha tkun korretta (imbuttar u tiġbid);
- (k) il-firxa minima rrappreżentata għandha tkun 15-il metru jew inqas;
- (l) iċ-ċentru tal-istampa għandu jkun viżibbli u d-dijametru tiegħu ma għandux jaqbeż il-1 mm;
- (m) eki foloz ikkawżati minn riflessjonijiet u dellijiet mhux mixtieqa fuq is-sinjal li juri l-pruwa fil-boxxla ma għandhomx jidhru jew ma għandhomx ifixklu s-sikurezza tan-navigazzjoni;
- (n) is-suppressuri tal-eki mhux mixtieqa mill-baħar u mix-xita (STC u FTC issettjati minn qabel) u l-mezzi ta' kontroll assoċjati għandhom jaħdmu b'mod korrett;
- (o) l-aġġustament tal-gwadann għandu jopera kif suppost;
- (p) il-fokus u d-definizzjoni tal-istampa għandhom ikunu korretti;
- (q) id-direzzjoni tad-dawran tal-bastiment għandha tkun kif indikata fuq l-indikatur tar-rata tad-dawran u l-pożizzjoni zero tan-navigazzjoni dritta 'il quddiem għandha tkun korretta;
- (r) it-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar ma għandux ikun sensittiv għal trasmissjonijiet mit-tagħmir tar-radju tal-bastiment jew għal interferenzi minn sorsi oħrajn abbord;
- (s) it-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar jew l-indikatur tar-rata tad-dawran ma għandhomx jinterferixxu ma' tagħmir ieħor abbord.

Barra minn hekk, fil-każ ta' tagħmir ECDIS intern:

- (t) l-iżball pożizzjonali statistiku li jaffettwa t-tabella (chart) ma għandux jaqbeż iż-2 m;
- (u) l-iżball tal-angolu tal-fażi statistika li jaffettwa t-tabella (chart) ma għandux jaqbeż il-1 °;

Artikolu 9

Ċertifikat tal-installazzjoni u tal-prestazzjoni

Wara li t-test jintemm b'suċċess skont l-Artikolu 8, l-awtorità kompetenti, is-servizz tekniku jew l-aġenzija approvata għandhom joħorġu ċertifikat ibbażat fuq il-mudell skont il-Parti IV. Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm abbord b'mod permanenti.

Jekk il-kundizzjonijiet tat-test ma jkunux ġew issodisfati, għandha titfassal lista ta' difetti. Kwalunkwe ċertifikat eżistenti għandu jiġi rtirat jew jintbagħat lill-awtorità kompetenti mis-servizz tekniku jew l-aġenzija approvata.

PARTI IV

(MUDELL)

Ċertifikat ta' installazzjoni u prestazzjoni għall-installazzjonijiet tan-navigazzjoni bir-radar u għall-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni

Isem/tip ta' bastiment:

Numru Ewropew tal-Identifikazzjoni tal-Bastimenti:

Sid il-bastiment:

Isem:

Indirizz:

Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar

Numru:

Nru. tal-entrata	Tip	Manifattur	Numru tal-approvazzjoni tat-tip	Numru tas-serje

Indikaturi tar-rata tad-dawran

Numru:

Nru. tal-entrata	Tip	Manifattur	Numru tal-approvazzjoni tat-tip	Numru tas-serje

Huwa b'dan iċċertifikat li t-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u l-indikaturi tar-rata tad-dawran ta' dan il-bastiment jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/87/KE Anness IX Parti III dwar it-testijiet ta' installazzjoni u ta' prestazzjoni tas-sistemi tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran użati abbord bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

Aġenzija speċjalizzata/Servizz tekniku/Awtorità kompetenti approvat(a) (*)

Isem:

Indirizz:

Timbru/Siġill

Post

Data

Firma

(*) Ingassa dak li mhuwiex applikabbli

PARTI V

(MUDELL)

1. Reġistru ta' awtoritajiet kompetenti għal approvazzjoni tat-tip tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran

Pajjiż	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika
Il-Belġju				
Il-Bulgarija				
Id-Danimarka				
Il-Ġermanja				
L-Estonja				
Il-Finlandja				
Franza				
Il-Greċja				
L-Italja				
L-Irlanda				
Il-Latvja				
Il-Litwanja				
Il-Lussemburgu				
Malta				
Il-Pajjiżi l-Baxxi				
L-Awstrija				
Il-Polonja				

Pajjiż	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elettronika
Il-Portugall				
Ir-Rumanija				
L-Isvezja				
L-Isvizzera				
Spanja				
Is-Slovakkja				
Is-Slovenja				
Ir-Repubblika Ċeka				
L-Ungerija				
Ir-Renju Unit				
Ċipru				

Jekk ma tingħata l-ebda awtorità jkun ifisser li ma kienet speċifikata l-ebda awtorità kompetenti mill-pajjiż rilevanti.

2. Reġistru tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran approvati

Nru tal-entrata	Tip	Manifattur	Detentur tal-approvazzjoni tat-tip	Data tal-approvazzjoni tat-tip	Awtorità kompetenti	Nru tal-approvazzjoni tat-tip

3. Reġistru tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran approvati abbażi tal-approvazzjonijiet tat-tip ekwivalenti

Nru tal-entrata	Tip	Manifattur	Detentur tal-approvazzjoni tat-tip	Data tal-approvazzjoni tat-tip	Awtorità kompetenti	Nru tal-approvazzjoni tat-tip

4. Reġistru ta' aġenziji speċjalizzati approvati għall-installazzjoni jew it-tibdil tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran

Il-Belġju

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Bulgarija

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Id-Danimarka

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Ġermanja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Estonja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Finlandja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Franza

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Greċja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Italja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Irlanda

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Latvja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Litwanja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Lussemburgu

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Malta

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Pajjiżi l-Baxxi

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Awstrija

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Polonja

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Il-Portugall

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Ir-Rumanija

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Isvezja

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Isvizzera

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Spanja

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Is-Slovakkja

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Is-Slovenja

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Ir-Repubblika Ċeka

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

L-Ungerija

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Ir-Renju Unit

Nru. tal-entrata	Isem	Iindirizz	Numru tat-telefown	Iindirizz tal-posta elett-ronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

Ċipru

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika

Jekk ma tkun speċifikata ebda aġenzija approvata, ma tingħata l-ebda approvazzjoni għall-aġenziji f'dan il-pajjiż.

5. Reġistru tal-istabbilimenti tal-ittestjar speċifikati għall-ittestjar tat-tip tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran

Nru. tal-entrata	Isem	Indirizz	Numru tat-telefown	Indirizz tal-posta elettronika	Stat

PARTI VI

Tagħmir ekwivalenti

- (1) Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar: Approvazzjonijiet tat-tip ibbażati fuq ir-Riżoluzzjoni 1989-II-33 tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tad-19 ta' Mejju 1989 emendata l-aħħar permezz tar-Riżoluzzjoni 2008-II-11 tas-27 ta' Novembru 2008 (*)
- (2) Indikaturi tar-rata tad-dawran: Approvazzjonijiet tat-tip ibbażati fuq ir-Riżoluzzjoni 1989-II-34 tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tad-19 ta' Mejju 1989 emendata l-aħħar permezz tar-Riżoluzzjoni 2008-II-11 tas-27 ta' Novembru 2008 (*)
- (3) Tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u Indikaturi tar-rata tad-dawran li huma installati u li jiffunzjonaw skont ir-Riżoluzzjoni 1989-II-35 tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu tad-19 ta' Mejju 1989 emendata l-aħħar permezz tar-Riżoluzzjoni 2008-II-11 tas-27 ta' Novembru 2008 (*)

(*) Rekwiżiti għall-installazzjoni u l-funzjonament tat-tagħmir tan-navigazzjoni bir-radar u tal-indikaturi tar-rata tad-dawran għan-navigazzjoni fuq ir-Renu."